Ottubru 2004 • Vol II • Nru.4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- L-Ippjanar Strateġiku fil-Korp - Hemm bzonnu?
- Surġenti Ġodda fi ħdan il-Korp tal-Pulizija
- L-Administrative Law Enforcement Unit - A.L.E.

u aktar...

Newspaper Post




SATARIANO
... for living and for life

122 Msida Valley Road, B'Kara Tel: 2149 2149. Fax: 2149 7017.
Email: info@satariano.com Website: www.satariano.com
Gozo Agent: Caruana & Cini Ltd. Tel: 2155 1918. Fax: 2156 1638.

Ottubru 2004 • Vol II • Nru.4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

5 Konferenza Generali ta' l-Assocjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

9 Kors mill-Pulizija ta' Kent

11 L-emmendi fil-Liġi

12 L-Ippjanar Strateġiku fil-Korp Hemm bzonnu?

14 Żwiemel ġodda għall-Korp tal-Pulizija ta' Malta

17 Taħriġ f'Ċipru minn membru mis-Sezzjoni tal-Klieb

19 Ringrazzjamenti

21 Uniformijiet Ġodda

23 X'hemm wara l-Magazine 'Il-Pulizija'

24 Mit-telefonati tagħkom

26 Surġenti Ġodda fi Ħdan il-Korp tal-Pulizija

28 L-Administrative Law Enforcement Unit - A.L.E.

37 'Rekluti' Ġodda fit-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija

39 Uffiċini Ġodda fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

41 Meta jibki l-Korp

43 Ricerka dwar jekk membru tal-Korp għandux jirtira wara 25 sena servizz:

49 International Police Association

52 Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

54 Il-Membri tal-Korp li mietu

Membri tal-Board Editorjali: **Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Insp Kenneth Haber
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista




**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nħeġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbagħt fl-indirizz hawn taht:
Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters
Floriana CMR 02

Ritratt: PS516 Alfio Borg - Pulizija waqt *beach patrol* f'waħda mill-bajjiet fi gżiritna.

© C.M.R.U. Police Headquarters, Ottubru 2004

# Editorjal

Is-sajf tant mistenni ġie u kwazi għadda. Forsi għal ħafna dan ifisser xi ftit ta' nifs mill-ħajja xitwija u forsi ftit aktar divertiment mall-familja u l-ħbieb.

Forsi mhux kulħadd jaqbel ma' din il-frażi, għax għalina l-Pulizija dan ifisser iżjed xogħol. Pero' kif jgħidu kull xogħol fih tiegħu u tagħna forsi jidher aktar minn xogħol ieħor għax qegħdin f'għajnejn kulħadd. Forsi wkoll għax ħafna mid-drabi mhux kulħadd ikun sodisfat bis-servizz li nagħtu, allura malajr tara xi ittra jew ilment.

Pero' dan żgur ma għandux jiskoraġina milli nibqgħu nagħtu servizz mill-aħjar li nistgħu.

Dan l-aħħar kont mal-fotografu tagħna nieħdu xi ritratti għal magazine, fejn tlett persuni kienu neżlin għal bajja. Hekk kif raw lilna dawn waqfu u ħarsu lejn il-bajja fejn raw żewġ Pulizija oħra jkellmu xi nies. Bħal mistenni waħda minnhom ħarset lejna u saqsiet jekk ġarax xi ħaġa.

Wara li spjegajnielha x'kien qed jiġri, laqtitni frażi li għaddiet waħda lil oħra - huwa sabiħ li tara entita' tintegra maċ-ċittadin u ma tħarisx biss lejh qisu minn fuq pedestal.

Għalkemm forsi kien kumment ta' persuna waħda f'mument partikolari, dan ma jeskludiex li huwa wkoll x'jaħsbu fuqna l-kumplament tal-kommunita'. Huwa mportanti li nżommu l-integrita' u l-umilta' f'livell għoli, kemm għalina personalment kif ukoll għal dawk li jiġu bżonn is-servizzi tagħna.

Il-Qawl Malti jgħidlek biex tgħin ruħek biex Alla jgħinek, u hekk aħna, jekk aħna rridu li r-rispett taċ-ċittadin ma jonqosx ma rridux nagħmluha qisu ħadd ma jista' għalina. Fl-aħħar mill-aħħar kulħadd irid iżomm f'moħħu li aħna ċittadini wkoll u forsi dak li ma rridux li jsir magħna, ma għandniex nagħmluh lil ħaddieħor.

Disinn u riklamar

**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**CLAYTON COMMUNICATIONS CO. LTD.**


B. Grima & Sons
Building, Turnkey & Road Marking Contractors.
Mob: 79477682, 99477682, 99287683 Fax: 21579597
Importers & Suppliers of :
Street Signs, Street Furniture, Street Paint,
Street Safety Equipment, Crash Barriers.
STOP
10 %
'Maria Dolores', Għajn Astas, St. Paul's Bay SPB 07 - Malta - Europe
Tel: (+356) 21581071 Fax: (+356) 21579597 E-mail: bgrimasons@euroweb.net.mt



PC. 24 M. Pace
Uffiċju tal-Kummissarju

# Konferenza Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta 26.06.2004

Għeżież membri, f'din il-ħarga tal-magażine dmiri llum huwa li narrafkom dwar dak li seħħ matul il-Konferenza Ġenerali annwali.

Il-Konferenza bdiet bil-qari tar-rapport mis-Segretarju Ġenerali ta' sena ħidma 2003/2004. Wara, t-Teżorier qara r-rapport finanzjarju li jkopri mill-1 ta' Ġunju 2003 sa 31 ta' Mejju 2004.

Saret il-ħatra ta' l-Awdituri sabiex jivverifikaw il-finanzi ta' l-Assoċjazzjoni kif hemm stipulat fl-Istatut.

Ser jiġu elenkati l-punti mqanqla fil-laqgħa :-

• Is-sistema prezenti tad-*Detail* fejn din toħroġ wara l-ħamsa ta' fil-għaxija u fejn wieħed irid juża' t-telefon ta' kuljum biex ikun jaf x'inhu xogħol.

• In-nuqqas ta' koperazzjoni bejn reġjun u ieħor fejn jidħol it-tqassim tan-nies meta jkun hemm bżonn.

• Nuqqas ta' Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol fejn issemmew ċerti stati li jinsabu fihom l-għasses u n-nuqqas ta' faċilitajiet sanitarji.

• Fixed points ta' 12–il siegħa mingħajr interruzzjoni speċjalment ma' dawk li jaħdmu ma' l-immigranti l-legali ta' Ħal Far.

• Nuqqas ta' mekkaniżmu fil-Korp meta persuna titlob li tinqala' minn post sabiex tmur post ieħor minħabba li ma jkunx hemm relazzjonijiet jew kommunikazjoni tajba bejn l-uffiċjal u n-nies tiegħu.

• Waqfien ta' ġranet frank u ġranet tal-leave minħabba nuqqas ta' ppjannar jew minħabba xi seduti ta' Qorti, kif ukoll ta' meta jibda u jispiċċa l-ħin tal-frank. Tqajjem ukoll il-punt li meta wieħed ikun fuq sick leave u daħal għax xogħol ċerti *Detail Officers* mhux idaħħlu nies għax-xogħol għax jaħbat il-weekend.

• Tiġi rranġata d-diskriminazzjoni mal-Pulizija meta wieħed jieħu l-*vacation leave* fit-tul u jidħlu l-ġranet tal-mistrieħ tiegħu u dan wkoll irrid inniżżlilhom *vacation leave* mhux bħal ħaddiema oħra fiċ-Ċivil.

• Eskluzzjoni ta' ċerti setturi ta' Puliżija milli jagħmlu xogħol ma' l-immigranti llegali.

• Sabiex l-M.P.A. tissorvelja xogħol il-Puliżija li jkunu xogħol fl-Isptar *Mount Carmel* u xogħolijiet oħra.

Iċ-*Chairman* irrisponda għal dawn l-interventi billi semma' l-laqgħa kordjali li l-assoċjazzjoni kellha mal-Kummissarju tal-Pulizija u bil-laqgħa li għanda ppjanata mal-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja Dr Tonio Borg LL.D M.P li għandha ssir fis-7 ta' Lulju, 2004.

Is-Sur Borg enfasizza li għandna nżommu l-post tax-xogħol tagħna bħala t-tieni dar tagħna.

Dwar id-*detail* intqal li l-Kummissarju approva t-talba tal-M.P.A. u ser issir laqgħa mas-Supretendent Kelly, bħala rappreżentant tal-Kummissarju, u d-*Detail officers* kollha sabiex l-Assoċjazzjoni jkollha feed back ta' ċerti mistoqsijiet kif ukoll diffikultajiet li jistgħu jinqagħlu meta jiġu mħaddma ċerti shiftijiet li ser jiġu proponuti lil Bord tan-Negozjar u dan wara deċiżjoni f'waħda mill-laqgħat tal-membri tal-M.P.A. (*Police Negotiating Board*).

Il-*Health and Safety Officer* tal-Korp, l-Ispettur Alex Miruzzi, ser ikun infurmat bl-ilementi kollha li tqanqlu għar-rigward il-faċilitajiet tal-Kumpless ta' Ħal Far u tal-Pulizija xogħol l-Isptar *Mount Carmel*, biex jitħejja rapport jekk iħoss li dawn l-ilmenti huma ġustifikati bħal ma sar waqt li kienu għaddejin xogħolijiet fin-naħa tat-taqsima tar-Riżorsi Umani.

Is-Segretarju Ġenerali insista li kull min għandu xi lment, dan jew jagħmlu bil-miktub u jagħdih lil awtoritajiet skond iċ-*chain of command* u kopja tiegħu tintbagħat lil Assoċjazzjoni sabiex issegwi l-ilment jew jagħrraf bl-ilment tiegħu lil Assoċjazzjoni dirett.

Fl-aħħar inqrat ittra li ser tintbagħat lil kull membru fejn fiha kull membru ġie mitlub li volontarjament jagħti l-partikularitajiet tiegħu ( isem – rank –fejn stazzjonat - numru tal-karta ta' l-identita' – indirizz – numru tat-telefon – e-mail address) lil Assoċjazzjoni u jekk irrid iwieġeb anonimament il-kwestjonarju li ser jgħin l-Assoċjazzjoni tħoss il-polz tal-membri kif qiegħed iħabbat.

Wara din il-Konferenza Ġenerali bdew għaddejjin il-mozzjonijiet kif jidher hawn taħt:-

**Mozzjoni numru 1.**
Billi hemm provdut fl-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta Artikolu 7 Sħubija barranija jew kuntatti 7.1 L-Assoċjazzjoni tista' tibqa' tkun membru tal-Kunsill Ewropew ta' *Unions* tal-Pulizija (C.E.S.P.) skond l-Istatut tagħha u 7.2 L-Assoċjazzjoni għandha tibqa' żżomm dawk il-kuntatti ma' Assoċjazzjonijiet tal-Pulizija barranin biex iġġib 'il quddiem l-ideali tagħha.

U billi l-MPA ġiet magħżula sabiex tagħmel parti mill-Kummissjoni Ewropea fi ħdan ic-CESP flimkien mar-rapprezentanti tal-Ġermanja, Olanda u Slovenja u dan sabiex tikseb status ta' Rappreżentanza fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u dan billi tirrapreżenta aktar min 300,000 Pulizija membru. Ir-rappreżentanti ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta għandhom jaħdmu u jikkontribwixxu u jattendu għall-attivitajiet u konferenzi ta' din il-Kummissjoni Ewropeja fi ħdan ic-CESP.

**Mozzjoni numru 2.**
Billi ġie sottoleneat li diversi membri mhux qed isibu dik il-forża interna li jikkuntattjaw lil membri ta' l-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni rigward ċerti lmenti. U billi jeżistu ċerti problemi f'diversi sezzjonijiet jew distretti li tista' tinstab

soluzzjoni għalihom. U billi l-Assoċjazzjoni qiegħda tħejji rapport tagħha sabiex tressqu quddiem il-*Police Negotionaling Board.* Billi hemm provdut fl-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta Artikolu 2 Għanijiet u objettivi 2.1 L-għanijiet u l-objettivi ta' l-Assoċjazzjoni jkunu dawk imfissra fl-Att dwar il-Pulizija u, b'mod partikolari: 2.1.1 it-tħaris u t-titjib tal-kondizzjonijiet ta' l-impjieġ tal-membri, u l-promozzjoni ta' l-interessi tagħhom, b'riferenża partikolari għall-parteċipazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni fil-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar, kif stabbilit taħt l-Att dwar il-Pulizija jew kull bord ieħor relatat; ir-rappreżentanza ta' l-interessi tal-membri f'diskussjonijiet man-naħa uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija; 2.1.2 li jogħla l-livell intellettwali, morali u professjonali tal-membri;

Il-Konferenza tħeġġet lil membri tal-Kumitatt Eżekuttiv sabiex imorru f'kull sezzjoni, branka u distretti sabiex waqt il-laqgħat li jorganiżża is-Supretendent inkarigat jisimgħu l-ilmenti jew suġġerimenti jew kull ħaġa oħra kif jingħad aktar il-fuq ħalli jkollha idea ċara u tara u tisma' dak kollu li għandhom xi jgħidu l-membri tagħha sabiex jinġiebu għal konoxxenza ta' l-awtoritajiet.

**Mozzjoni numru 3.**
Billi l-Konferenza tħoss li l-Istatut preżenti ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija kif inhu preżenti fih ċerti nuqqasijiet bħal per eżempju ma' tissemmiex il-Kummissjoni Elettorali,

U billi diversi membri ta' l-assoċjazzjoni wrew ix-xewqa li għal elezzjoni li jmiss kull membru jiġi mitlub sabiex jivvota u jaħtar ir-rappreżentanti tiegħu. Billi hemm provdut fl-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta Artikolu 6 Drittijiet u Obbligi tal-membri 6.1 Il-membri kollha għandhom dritt jeleggu u li jiġu eletti fl-Assoċjazzjoni. U aktar billi hemm provdut bis-saħħa ta' l-Att tal-Pulizija Kapitlu 164 Sostituzzjoni ta' l-iskeda.

Il-Konferenza Ġenerali tawtorizza li tiġi stitwita Kummissjoni Speċjali li tkun imsejħa Kummissjoni Speċjali Reviżjoni Statut MPA, sabiex tagħmel dak ir-rapport u xogħol neċessarju sabiex l-Istatut preżenti jiġi modifikat, jinbidel jew jirrakomanda dawk l-affarijiet neċessarju sabiex l-Assoċjazzjoni jkollha Statut funzjonabbli sabiex jissostitwixxi, inaqas jew iżid ma' l-Istatut preżenti u dan skond il-ħtieġa.

Dawn id-delegati huma l-Ispettur R. Criminale, PS 368 Monreal, PC 353 Sacco, WPC 65 Inguanez. Ġew magħżula sabiex ikunu membri ta' din il-Kummissjoni Speċjali Reviżjoni Statut MPA.

**Mozzjoni numru 4.**
Billi l-Assoċjazzjoni għad m'għandiex l-ebda informazzjoni dwar il-membri tagħha. U billi huwa meħtieġ li tibda tinġabar din l-informazzjoni sabiex jekk jinqala' l-ħtieġa tikkommunika aħjar mal-membri tagħha. U billi ġie preparat kwestjonarju sabiex il-membri b'mod volontarju u anonimament iwieġbu l-mistoqsijiet fih sabiex l-Assoċjazzjoni jkollha idea ċara ta' x'jaħsbu l-membri tagħha.

Il-Konferenza Ġenerali tapprova l-kontentut ta' l-ittra u l-kwestjonarju u tawtorizza d-distribuzzjoni ta' din l-ittra u talba għall-partikolaritajiet u l-kwestjonarju sabiex il-membri b'mod volontarju u anonimu jwieġbu għas-sejħa ta' l-Assoċjazzjoni.

**Mozzjoni numru 5.**
Billi fit-12 ta' Lulju 2004 il-Korp tal-Pulizija ser jiċċelebra l-190 Anniversarju mit-twaqqif tiegħu. U billi l-Konferenza ġiet mgħarfa li l-Assoċjazzjoni ser tiltaqa' mal-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja Dr Tonio Borg LL.D. fis-7 ta' Lulju 2004.

U billi waqt il Konferenza tqajjem il-punt ta' diskriminazzjoni bejn persuni impjegati fiċ-Ċivil u membri tal-Korp tal-Pulizija rigward teħied ta' *vacation leave.* Il-Konferenza Ġenerali tawtorizza lid-Delgazzjoni li ser tiltaqa' mal-Ministru sabiex titolbu permezz tal-poteri vestiti fih permezz ta' l-Att tal-Pulizija sabiex lil membri tal-Korp jawtorizzahom li jgawdu l-*vacation leave* tagħhom bħal ma jgawduhom membri oħra fis-serviżż taċ-Ċivil. U tagħrfu li jekk tintlaqa' din it-talba jkun awgurju tajjeb għal ġejjien fit-taħditiet mal-Bord tan-Negozjar u jkun rigal sabiħ f'dan l-anniversarju.

Il-Konferenza approvat il-mozzjonijiet kollha unanimament.

Matul il-Konferenza Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni saret ċerimonja ta' preżentazzjoni ta' *cheque* ta' Lm570 lis-Sindku ta' Ħal Tarxien is-Sur Pawlu Farrugia. Preżenti għal din iċ-ċerimonja sempliċi, imma sinifikanti, attendew il-ġenituri ta' Mark li kienu akkumpanjati mit-tifla tagħhom. Nieħu din l-opportunita' sabiex f'isem il-membri ta' l-Ezekuttiv ta' Assoċjazzjoni nirringrazzja lil dawk li taw sehemhom fl-għoti u l-ġbir tal-fondi. Ser nirrapporta xi siltiet mid-diskorsi li saru waqt din l-attivita'.



Donazzjoni ta' Lm570 li l-Assocjazzjoni gabret mill-membri għal Bust ta' ex PC Mark Farrugia.



The Medina in american walnut

making your dream kitchen a reality

CASA D'ARTE

Quality Furniture Manufacturers

Labour Avenue, Naxxar. Tel: 21 411 473 Fax: 21 803 334
Email: info@casadarte.com.mt

MALTA FURNITURE MANUFACTURERS ORGANISATION
SERVICE QUALITY MARK

*Where does character come from?*




*An exceptionally high malt content.*

TEACHER'S®

*A measure of character*

Premium Brands from:
ALBERT FS MANDUCA LTD. 229/230, St. Paul Str., Valletta. Tel: 2123 3909, 2123 1787

# Kors mill-Pulizija ta' Kent



PC. 1155 C. Mangion C.M.R.U.

Fis-6 ta' Lulju bil-kollaborazzjoni tal-Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta, żewġ Detective Constables mill-Kulleġġ tal-Pulizija ta' Kent preżentaw kors imsejjaħ *'Policing Inteligently'* fl-Akkademja tal-Pulizija f'Sant' Iermu.

Dan il-kors, li kien ta' livell intermedjarju, seħħ wara li f'Marzu tas-sena li għaddiet kien tnieda kors bażiku fl-istess suġġett, bil-għan li jkompli jtejjeb is-servizz mogħti mit-taqsimiet speċjalizzati tal-Korp tal-Pulizija fiż-żminijiet tal-llum.



Għal dan il-kors attendew diversi membri tal-Korp fosthom Spetturi, Surġenti u Kuntistabbli mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, mill-Iskwadra Konta Rejati Ekonomiċi, mid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali u mis-Security Branch.

Waqt dan il-kors ta' erbat ijiem il-Pulizija Maltija tħarrġet fuq dak li hu magħruf bħala n-*National Intelligence Model* użat mill-Pulizija Ingliża. Dan jikkonsisti f'sistema fejn il-ġbir ta' intelligence kollha li ssir mill-Pulizja tinġabar f'pool waħda u mbagħad titqassam skond it-tip ta' informazzjoni kif ukoll skond il-persuni jew rejati kkonċernati. Din is-sistema tgħin biex il-proċess li jibda bil-ġbir ta' intelligence iwassal biex investigazzjoni tkun konkluża b'mod aktar effiċjenti u l-persuni li jkunu wettqu r-rejat jittellgħu quddiem il-Ġustizja. Il-ġbir ta' l-intelligence f'pool waħda jservi biex d-diversi sezzjonijiet tal-Korp ikollhom aċċess għal informazzjoni li tkun inġabret minn diversi sorsi li iżda permezz ta' din il-pool tkun aċċessibbli għas-sezzjonijiet kollha. Dan iwassal biex l-istadji kollha ta' l-investigazzjonijiet ikunu aktar organizzati kif ukoll aktar accountable permezz ta' l-użu ta' formoli ugwali għall-investigazzjonijiet kollha.

Il-kors tmexxa minn Detective Constable Graham Markwick flimkien ma' Detective Constable Janice Maciver, esperti mill-Kulleġġ tal-Pulizija ta' Kent.







**Enjoy the Benefits of Driving Safely!**

- Are you over 30 years of age?
- Have you not claimed for the last 4 years?
- Do you want to be rewarded for your careful driving?
- Are you insured on a Comprehensive or Third Party Fire and Theft basis?

If so, you may now qualify for Citadel's "Roadwise" Motor Policy, a cover that has been specifically designed for careful drivers like yourself

Contact us at our Head Office in Floriana or any of our Sales outlets for more information

**Citadel Insurance p.l.c.**

Casa Borgo • 36 Market Street • Floriana VLT 15 • Malta
Tel: 2124 6152 • Fax: 2124 1301 • e-mail: info@citadelplc.com
Branches: • Naxxar: 2141 9198 • Zebbug: 2146 3559 • Paola: 2180 6247

RoadWise

Citadel Insurance p.l.c. is authorised to carry on general and long term business of insurance under the Insurance Business Act, 1998 and to provide investment services under the Investment Services Act, 1994 and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

Park Towers

# THE PRICE CHOPPER SUPERMARKETS

## Now also open at Galleria Shopping Centre Fgura













# FREE

**1 BOX X6 BOTTLES 1Lt SOFT DRINKS**

**+ 1 BOX X6 BOTTLES WATER**

**WITH EVERY PURCHASE OVER Lm 40.00**

**DISCOUNT VOUCHERS ON SELECTED HOUSEHOLD PRODUCTS**

Fgura. Tel: 2189 6334. • St. Julians. Tel 2137 8520. Fax: 2138 8241.

# L-emmendi fil-Liġi



Supt. P.P. Zammit
Prosecution Unit

Il-Liġi hija ħaġa ħajja u bħala tali trid tinbidel u tibqa' aġġornata maż-żminijiet. Għaldaqstant minn żmien għal żmien il-Parlament iraqqam u jbiddel diversi aspetti tal-liġijiet tal-pajjiż. Il-Liġijiet ta' natura Kriminali, kemm dawk sostantivi kif ukoll dawk proċedurali ma humiex neqsin mit-tibdil. Dawn l-aħħar snin rajna u għexna tibdiliet kbar fil-kamp tal-liġi kriminali. Ma kienux tibdiliet faċli, la biex tagħmilhom u lanqas biex tipprattikom. Kien hemm bżonn ta' ċerta bidla ta' mentalita' minn waħda maħluqa u ristretta fil-kamp polizjesk, għal waħda aktar miftuħa u ta' komprensjoni favur qabża fil-kwalita' ta' Drittijiet tal-Bniedem.

Hekk naraw li l-bidla proċedurali li daħlet bl-Att III tal-2002 u bdiet fis-seħħ bl-Avviżi Legali 94 tas-sena 2002, 119 u 273 tas-sena 2003, tħares bir-reqqa lejn l-operat tal-Pulizija filwaqt li tagħti linji gwida kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-Qrati tagħna. Dan seħħ b'ċerta qawwa meta abbinat mal-bdil li sar f'dik li konna nsejħulha l-Ordinanza tal-Pulizija li nbidlet permess ta' l-ATT XIII tas-sena 2002 u li llum saret Att dwar il-Pulizija (Kap 164).

Dawn il-bidliet flimkien (li ma' l-ewwel daqqa t'għajn tgħid li hemm wisq tibdiliet) huma maħsuba u għandhom jaslu sabiex l-operat tal-Pulizija jkun fuq bażi aktar soda. Qed ngħid dan għaliex illum, min-flokk il-*'Judges rules'* għandna l-qawwa ta' liġi biex tmexxina u ssaħħaħna fl-operat tagħna. Tgħiduli, kliem sabiħ, imma fatti?? U hawn ser niġi għal għadma iebsa ta' dan l-artikolu - it-tħaddim tat-tibdiliet li seħħew. Sabiex nagħmel dan ser nirreferi għal diversi problemi u sitwazzjonijiet li nqalgħu (bħal ma jiġri dejjem fit-tħaddim ta' għodda ġdida) u naraw ftit flimkien kif din l-għodda l-ġdida ser tgħina fix-xogħol tagħna.

**KAŻ numru 1**

Drinn, Drinn. Hello. Sir għandi problema, (anke jien). Il-Bieraħ waqt li kont *patrol* rajna wieħed jaħrab jiġri hekk kif ra l-karozza tal-Pulizija. Ħsibna ħażin u wara ġirja tajba arrestajnieh. Kif arrestajnieh dan beda jipprova jisgiċċa u deher mifxul. Ma kienx normali u ddeċidejt li ngħamillu tfittxija u sibtlu turnavit f'but u fl-ieħor kellu biċċa raża tal-kannabis. Xi ħadd qalli li ma kellix *reasonable suspicion* biex narrestah, allura dan arrest illegali? Id-droga u t-turnavit ma nistax nġibhom bħala prova? X'nista' nagħmel?

**Kull każ għal każu.** Minn dan kollu jirriżultaw żewġ aspetti partikolari - l-arrest u l-evidenza. U nieħduhom separati. Għaliex il-liġi tagħna ma taċċettax it-tejorija tal-*'forbidden fruit'* (kif jgħidulha l-Amerikani) jew *l-exclusionary rule* kif inhija magħrufa fil-kontinent. Dan ifisser li l-evidenza jew il-prova li tkun inġabat in segwitu ta' nuqqas ta' osservanza ta' xi regola proċedurali ma tiġix mitfugħa 'l barra mill-każ, anzi dik il-prova tibqa' bħala prova fiha nnifisha (sakemm ma tkunx tenħtieġ xi korraborazzjoni, bħal fil-każ ta' ammissjoni verbali). Hekk id-droga li nstabet waqt tfittxija mhix skond din il-liġi tibqa' fiha nnfisha prova ta' dak li hija, u ċioe droga. Il-problema li tinqala' tkun dwar kemm hemm rabta bejn is-sejbien tagħha u l-persuna akkużata. Din ir-rabta *(nexus)* jkollha bżonn korraborazzjoni separata mill-fatt li dak li nstab kienet droga. Mela d-droga hija dik li hija, u hija prova fiha nnfisha. Mela dik bħala tali tibqa dejjem aċċettata skond il-liġi.

*Caveat* żgħir. Dak l-uffiċjal li jkun naqas josserva l-proċedura minħabba traskuraġni fix-xogħol jew volontarjarment jista' jsib ruħu jirrinfaċċa proċeduri dixxiplinari, jew agħar minn hekk, proċeduri kostituzzjonali fil-kamp tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk in-nuqqas ta' osservanza jkun dovut għaċ-ċirkostanzi mhux taħt il-kontrol tal-Pulizija konċernat, jew minħabba nuqqas ta' ċertezza legali fis-sitwazzjoni, għalhekk ma jkunx hemm negliġenza jew volonta' l-uffiċjal jista' jiġi skużat. F'dan il-każ aħjar uff milli aħħ u għaldaqstant, ftit attenzjoni, qari tal-liġi u argumenti ma' sħabek jista' jservi ta' mitqlu deheb u jgħinek tagħmel xogħlok aħjar.

Issa niġu għall-arrest. Billi tgħidli li x'ħin rak, ħarab jiġri, ma fiha xejn. Imma mal-mistoqsija: fi x'ħin ġara dan u fejn? u tgħidli li dan kollu seħħ fis-siegħa ta' filgħodu f'Regional Road, San Ġiljan..... issa qed nirraġunaw. **Res Ipsa Locquitur.** Iċ-ċirkostanzi jitkellmu weħidhom. Kullħadd jaf li dak il-ħin ftit li xejn ikun hemm nies f'din it-triq, imma jkun hemm ħafna karozzi pparkjati li ħafna drabi jisfaw vittma ta' ħsarat u serq. Mela dak li ħasbek ħażin ma kienx is-sempliċi fatt li dak il-ġuvnott telaq jiġri x'ħin rak, imma ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok u ħin. Mela jirriżulta li kien hemm *reasonable suspicion* biex tarresta lil dik il-persuna. Is-Suspett raġonevoli ġie konkretizzat mas-sejbien ta' għodda u droga fuq il-persuna. Mela mhux talli ma kienx hemm suspett raġonevoli biex tipproċedi għall-arrest iżda hemm suspetti fondati għal dan l-arrest tant li għandu jkompli u jsiru investigazzjonijiet dwar reati oħra li saru fl-istess inħawi.

Minn hawn immur ftit ieħor 'il quddiem, issa li arrestajtu, x'għamilt bih? Ħadtu l-Għassa u nformajt lill-uffiċjal tiegħi u wara ftit ħadnieh *il-Lock Up id-Depot.*

Il-proċedura titlob li kif persuna tiġi arrestata, din tiġi nformata li hija taħt arrest (f'lingwa li hija tifhem) u tittieħed fl-eqreb Għassa u hemm tiġi reġistrata. Jiġi nfurmat l-Ispettur tad-Distrett konċernat li wara li l-Ispettur jikkonvalida l-arrest, huwa għandu jinforma lill-Maġistrat ta' l-Għassa b'dan l-arrest fi żmien sitt siegħat mill-arrest u l-persuna arrestata jekk ser tibqa tinżamm trid tittieħed fil-*Lock Up* (jew id-*Depot* Malta, jew il-Blokk Aminstrattiv Għawdex) u hemm tingħadda f'idejn l-Uffiċjal tal-Kustodja.

Problema solvuta nispera.

**Drin Drin, "Għandi problema"... jerġa jkun magħkom ħarġa oħra.**



Spettur M. Spiteri
Strateġija u Ppjanar

# L-Ippjanar Strateġiku fil-Korp... Hemm bżonnu?

**Il-bżonn li wieħed jippjana fit-tul**

Mhux ftit huma dawk l-organizzazzjonijiet li għandhom inklinazzjoni li jopperaw fil-preżent. Jippreferu jikkonfrontaw il-problemi li jinqalgħulhom minn ħin għall-ieħor b'mod rejattiv u għalhekk, ftit jew xejn jagħtu każ il-bżonn li jippjanaw fit-tul jew jaraw jekk humiex jagħmlu l-aqwa użu mir-riżorsi tagħhom. Bil-Malti ngħidu li jkunu qegħdin jaraw sal-ponta ta' mneħirhom. Nagħmluha ċara - biex wieħed idawwar ir-rotta u jagħmel dak l-isforz biex jieħu f'idejh ftit mill-kontroll tal-futur - mhux xi ħaġa faċli.

Dan hu partikolarment każ tipiku f'korp tal-pulizija. Il-membri ta' korp tal-pulizija fi kwalunkwe pajjiż tad-dinja huma mistennija li jkunu rejattivi. Kollha huma mħarrġa fl-iskejjel jew akkademji rispettivi tagħhom sabiex jaġixxu b'ċertu ħeffa u effiċjenza għal kull problema u sitwazzjoni urġenti li tista' tinqalgħa. L-immedjatezza hi għalhekk fattur indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum tal-pulizija. Tista' tagħmel differenza ta' ħajja jew mewt jew jekk każ jiġix solvut jew le. M'hemmx dubju li l-pulizija kollha huma kburin bit-talenti u l-professjonalita' li juru f'dan il-qasam u għalhekk, ngħiduha kif inhi - li wieħed joqgħod isegwi pjanijiet li jistgħu jieħdu minn ħames sa għaxar snin sabiex jagħtu l-frott meħtieġ, hu meqjus minn ħafna bħala xi ħaġa diffikultuża, jekk ma nazzardax ngħid ukoll ħela ta' ħin. Biex tkompli tgħaxxaqha, xi kultant kemm l-istrutturi politiċi u dawk ġudizzjarji tal-pajjiż mhux dejjem jgħinu biex tissolva din il-problema. Magħhom jingħaqdu wkoll il-media u l-opinjoni pubblika li flimkien jibnu pressjonijiet kbar fuq il-pulizija sabiex dawn jiksbu riżultati aktar ta' malajr u f'anqas ħin. Wara kollox, il-pulizija hi dik il-ħolqa tal-katina li torbot il-pubbliku mas-sigurta' tiegħu u għaldaqstant naħseb li tajjeb ngħid, li l-pubbliku jistenna (u bir-raġun!) li l-pulizija taġixxi kif suppost u mill-aktar fis possibbli speċjalment meta din is-sigurta' tkun tidher li qiegħda tiġi mhedda jew mittiefsa.

Wara li għedna dan kollu, naħseb li tajjeb li wieħed jgħid li xi tip ta' pjan fit-tul għandu jeżisti u jittieħed fi ħdan l-għola livelli tal-korp. Hu propju hemmhekk li wieħed għandu jfassal numru ta' kriterji strateġiċi li għandhom jiffukaw bis-sħiħ sabiex jiġi żvillupat servizz aktar 'effettiv' u aktar 'professjonali'. L-'effettivita'" u l-"professjonalita'" ta' bilħaqq huma żewġ termini indispensabbli f'kull amministrazzjoni demokratika. Jekk il-mexxejja ta' korp tal-pulizija jridu li fi ħdan is-servizz li huma jmexxu issaltan kultura ta' professjonalita', etika, rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u r-regola tad-dritt, m'għandhomx għażla oħra ħlief li jfasslu miri strateġiċi li għandhom jintlaħħqu, li jkunu prattikabbli u rejalistiċi u dan, wara li huma jkunu ħadu inkonsiderazzjoni l-ambjent legali u politiku kif ukoll il-valuri tas-soċjeta' li jkunu qegħdin jaħdmu fiha. Tajjeb li wieħed ifakkar ukoll, li ħadd m'għandu jinsa' d-disponabbilita' tar-riżorsi tiegħu. Taqblu miegħi li mingħajr riżorsi, żgur li ma jkun jista' jitwettaq l-ebda pjan. Wara kollox, pjan ta' fuq il-karti li jibqa' mhux attwat, mhu pjan xejn.

**Funzjoni "interna" w "esterna"**

Ċertament, fuq livell "intern", proċess strateġiku għandu jipproduċi dokument issinkronizzat għall-ħtiġijiet ta' dak il-korp. Għandu juri b'mod l-aktar ċar l-għanijiet li trid tilħaq dik l-organizzazzjoni, l-istandards u l-valuri li din tħaddan, il-prijoritajiet ta' kif wieħed irid iqassam ir-riżorsi tiegħu kif ukoll, għandu jservi ta' gwida ta' kif wieħed jkejjel il-performance tiegħu sabiex jara jekk dawk l-għanijiet li jkun fassal, ikunux intlaħqu jew le.

"Esternament" - jiġifieri lilhinn

mill-korp innifsu - proċess strateġiku għandu jkollu funzjoni li "tgħaqqad". Irid ikun pont mhux biss li jġonġi l-qafas legali/politiku tal-pajjiż mannormi ta' xogħol tal-pulizija, iżda saħansitra meta wieħed jaqrah, għandu jħoss li dan ikun qiegħed iservi ta' għaqda bejn dawk ix-xewqat u l-bżonnijiet li l-pubbliku jesiġi minna l-pulizija. Nisħaq li l-proċess kollu għandu jkun ifformulat u mpoġġi b'tali manjiera li jwassal dan il-messaġġ lil min ikun qiegħed jaqrah.

Ma rridux ninsew fatt. Il-pulizija ma tista' ddur lejn l-ebda "pubbliku" (fil-veru sens tal-kelma) sabiex tieħu xi parir jew feedback mingħandu. Iżda jeżistu ċertu gruppi partikolari fi ħdan is-soċjeta', li b'xi mod jew ieħor, kollha juru interess speċjali fix-xogħol tal-pulizija. Qiegħed nirreferi għall-gruppi reliġjuzi, il-partiti politiċi u s-soċjetajiet filantropiċi li biex iddurhom u tistaqsihom kollha x'jaħsbu u x'inhuma l-pretensjonijiet tagħhom, naħseb li tkun biċċa uġiegħ ta' ras mhux ħażin. Ma rridx ngħid li m'għandux ikun hemm proċess ta' konsultazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku, għax min għajru, tkun qed tagħżaq fl-ilma, iżda dan wieħed jista' jagħmlu billi per eżempju b'mod kollettiv, jiġbor xi idejat mingħand ir-rappreżentanti eletti fil-kunsilli lokali, fid-diversi każini mxerrda madwar il-pajjiż u minn istituzzjonijiet oħra.

Wara li jiġi mfassal, id-dokument finali għandu fost affarijiet oħra jindirizza s-segwenti billi:

- Joħroġ ċar daqs il-kristall fl-ispjegazzjoni tiegħu lill-pub bliku, it-tip ta' korp li huma qegħdin jistennew li jkollhom;
- Jindika l-ispirtu karatteristiku tal-korp u kif dan se jimmanifesta il-valuri ċentrali tiegħu fiż-żamma ta' l-ordni ta' kuljum.
- Jinfoma 'l-pubbliku ta' x'in huma l-ewwel u qabel kollox il-prijoritajiet ewlenija tal-Korp; u
- Jżomm lill-Korp kontabbli lejn il-pubbliku għall-azzjonijietu.

**L-Istrategisti**

Nemmen, li sabiex tissarraf fi proċess professjonali u ta' rutina, kull bidla li ssir fl-istrateġija tal-Korp għandha tkun issapportjata mill-istrateġija politika tal-gvern tal-ġurnata. Ċertament inħoss li kull żvillup strateġiku għandu jittieħed bis-serjeta' mill-ogħla livelli tat-tmexxija tal-Korp u għandu jkun proċess kontinwu fil-ħajja kwotidjana tiegħu u mhux xi ħaġa ta' darba u daqshekk! Minkejja l-fatt li l-bidla hi proċess kontinwu u għaldaqstant ma jistgħux jiġu imposti limitazzjonijiet ta' ħin sabiex din titwettaq, il-management dejjem irid jaħseb u jipprepara sabiex jissettja target dates fid-diversi fażijiet tal-proċess kollu. Ma jistax jieqaf milli jippjana. Jekk jiġri dan, jisfaxxa kollox. Huwa fatt magħruf fl-istrateġija li "failing to plan is planning to fail".

Ċertament m'għandux għax ikun hemm wisq problemi sabiex wieħed jidentifika x'affarijiet hemm bżonn li jsiru u minn min u dan iseħħ biss dment li kull min għandu sehem b'xi mod jew ieħor, dirett jew indirett fit-tmexxija, joħorġ 'il barra mill-qoxra personali tiegħu u jipprova jintegra d-diversi nteressi u pressjonijiet partikolari li l-Korp ikollu minn żmien għal żmien. Dan sabiex jorjentah ħalli l-Korp ikun f'qagħda aħjar biex jikkonfronta l-futur.

Ma teżistix biss tip ta' strateġija waħda iżda mportanti jibqa' l-fatt li fil-formazzjoni tal-pjan strateġiku, il-funzjoni bażilari tal-pulizija għandha tibqa' msejsa fuq l-istess prinċipji. Varjazzjonijiet għandhom jeżistu biss fejn ikun hemm bżonnijiet partikolari f'ċertu areas. B'hekk biss jista' jibqa' dak is-sens ta' kontinwita' fil-pakkett strateġiku. B'hekk biss wieħed ikun jista' jagħmel minn żmien għall-żmien dik l-analiżi komparattiva li hi tant meħtieġa sabiex tiġi żvillupata l-aqwa prattika.

L-isforz irid jiġi u jidher li qed isir minn kulhadd u minn kullimkien speċjalment minn ta' fuq - sforz, li sinċerament nemmen li ghandu jkun ippjanat u mwettaq bl-akbar għaqal u ħila għal ġid tal-Korp u tal-pubbliku li aħna kommessi li nservu.

# Żwiemel ġodda għall-Korp tal-Pulizija ta' Malta



PC. 1155 C. Mangion
C.M.R.U.



F'Lulju li għadda l-istallel tal-Kavallerija tal-Pulizija żiedu n-numru ta' żwiemel membri fit-taqsima meta waslu 5 żwiemel oħra fi ħdan din it-taqsima, wara li l-aħħar żieda fin-numru ta' żwiemel seħħet f'Novembru ta' sentejn ilu.

Kien fis-26 ta' Lulju 2004, li waslu Malta l-aħħar 4 żwiemel u debba tat-tip French Saddle Horses minn diversi lokalitajiet fi Franza. Dawn iż-żwiemel, li l-eta' tagħhom hi ta' bejn 3 u 6 snin diġa bdew it-taħriġ tagħhom, biex wara madwar sitt xhur jibdew jagħtu s-servizz tagħhom fil-komunita' Maltija bħal bqija ta' sħabhom. It-Taqsima li hi ffurmata minn Spettur, żewġ Surġenti u 16-il Kuntistabbli, issa għandha għad-dispożizzjoni tagħha total ta' 22 żiemel u 2 dwieb.

It-taqsima tal-Kavallerija twaqqfet fl-1860 u l-ewwel sitt żwiemel kienu stazzjonati fi Triq l-Arċisqof, il-Belt. Matul iż-żminijiet il-Kavallerija bidlet il-kwartieri tagħha diversi drabi fosthom fi Fleur-de-Lys, f'Manoel Island kif ukoll fil-post illum magħruf bħala Dar il-Mediterran. Fl-1939, it-taqsima ġiet stazzjonata l-Marsa fejn għadha sal-llum.
Iż-żwiemel li nsibu f'din it-taqsima huma mpurtati minn diversi pajjiżi magħrufa għal livel għoli ta' żwiemel li jipproduċu. Fost dawn il-pajjiżi li l-Kavallerija mpurtat żwiemel minnhom wieħed isib l-Irlanda, l-Ungerija, l-Italja u Franza u l-eta' tagħhom tvarja minn tlieta sa tletin sena għalkemm dawk li jaqbżu ċerta eta' ma jibqawx jiġu użati għal ċerti xogħolijiet minnħabba li dan jista' jitlob ċertu stress fuq is-saħħa taż-żwiemel. Hija ħasra li meta dawn iż-żwiemel jiġu rtirati mis-servizz, il-Korp ma joffrilhomx ħajja alternattiva forsi f'idejn membri tal-Korp jew nies dilettanti oħra, iżda jibqgħu jinżammu fl-istallel. Ta' min jirrimarka li wara li żiemel ikun ta' servizz lil pajjizna għal dawk is-snin kollha, ħaqqu li jgħaddi l-aħħar ftit snin ta' ħajja b'mod aktar komdu għalih.

Madanakollu, l-istallel tal-Kavellerija fil-Marsa huma fost l-aqwa stallel f'Malta fejn l-indafa u l-iġene kemm taż-żwiemel kif ukoll tal-post huma ta' l-għola livell.

Meta wieħed iżur l-istallel tal-Korp ma jistax ma jinnotax li fuq kull stalla hemm l-isem taż-żiemel. Interessanti hu l-fatt li l-isem ma jkunx taż-żiemel propju minħabba li meta dan jibda s-servizz fil-Korp ismu jinbidel u jingħata isem li jkun jibda bl-inizjali tal-Kummissarju preżenti tal-Pulizija. Għalhekk l-ismijiet kollha taż-żwiemel bħalissa jibdew bl-R minħabba li kunjom il-Kummissarju huwa Rizzo. Kull darba li jinbidel il-Kummissarju - jinbidlu l-ismijiet taż-żwiemel.

Ix-xogħol tal-membri ta' din it-taqsima jikkonsisti f'rondi f'diversi lokalitajiet f'Malta, kontrol tal-follol fil-grounds tal-futbol, fil-Korsa tal-Marsa kif ukoll fit-tlielaq tradizjonali bħal fl-Imnarja. Il-Kavallerija tagħmel ukoll servizzi ta' skorta mal-



President ta' Malta kif ukoll ma' Ambaxxaturi li jkunu se joffru l-kredenzjali tagħhom lill-President ta' Malta.



Up to 70% of your body is made of water




it's what you're made of!

Purified Drinking Water

Produced & Bottled by
Island Beverages Co. Ltd.
ATP-06 Industrial Estate, Attard. Tel: 21 420 420
www.h2only.com




## Control, Comfort, Confidence, Contemporary

Get ready for Maximum Control, Comfort, Confidence and Contemporary-feel with the new Ford Focus C MAX. Maximum Control with precision driving with Control Blade multilink suspension, performance of the 1.6L 100 Bhp petrol engine and 1.6LTDCi 110Bhp diesel engine. Maximum Comfort, with its versatility and space, It is the harmonious sensation you find in balanced spaces. Maximum Confidence, thanks to the ABS, the ultra-strong passenger compartment and multiple airbags. Maximum Contemporary feeling that catches your attention, it attracts you: this is the secret of style. It gives you a sense of belonging, feeling at ease in your time. Maximise everything aboard the Focus C-MAX.

FORD FOCUS C-MAX
Control-Comfort-Confidence-Contemporary

Designed for living. Engineered to last Ford

GASAN
GROUP OF COMPANIES

**Gasan Automotive Centre,** Mriehel Bypass, Mriehel BKR 14
Tel: 21442030 ext 202. Fax: 21442007.
**Gozo Garage**, Victoria. Tel: 21551866.
e-mail: automotive@gasan.com web site: www.gasan.com

# Taħriġ f'Ċipru minn membru mis-Sezzjoni tal-Klieb



Pc 750 D.Cauchi jirċievi rigal ta' tifkira mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija ta'

Esperjenza unika messet lill-Kuntistabbli 750 David Cauchi meta fit-18 ta' April ta' din is-sena mar Ċipru biex iħarreġ numru ta' Pulizija Ċiprijotta mit-Taqsima tal-Klieb. Din l-esperjenza kienet ta' unur għall-istess Kuntistabbli kif ukoll għall-Korp Malti li kien strumentali li provda l-għodda sabiex Pulizija Ċiprijotta jitħarġu mill-aħjar mod possibbli.

It-taħriġ kien imsawwar fil-bosta manuvri li wieħed jistenna li jsir f'Sezzjoni bħal din, bħal – aġilita', obbidjenza u l-aktar ħaġa mportanti l-kontroll assolut tal-kelb. Sar ukoll taħriġ f'dak li huma displays fejn il-handler flimkien mal-kelb tiegħu jagħtu spettaklu fejn mhux biss jitjiebu r-relazzjonijiet pubbliċi tas-sezzjoni imma wkoll tal-Korp inġenerali.

Kien għalhekk li ġew maqsuma diversi esperjenzi f'dak li għandu x'jaqsam ma xogħol intensiv tal-klieb, bħal tfittxija għal sustanzi u splussiv projbit, kif ukoll fuq xogħol prottettiv. Kien hawnhekk li ħarġet l-esperjenza tal-Kuntistabbli Cauchi, fejn din kienet l-ewwel esperjenza ta' dan it-tip għall-Pulizija Ċiprijotta.

Is-Sezzjoni tal-Klieb f'Ċipru tinqasam f'erba' postijiet li kollha għandhom funzjoni differenti, imma għan wieħed. Il-parti ċentrali tinsab f'Nikosia, u kien il-post fejn sar it-taħriġ kollu. Fl-ajruporti ta' Larnaca u Pafos wieħed isib żewġ sezzjonijiet oħra waqt li nsibu oħra f'Limason li hija s-sezzjoni tal-klieb tal-port. Hawnhekk isir xogħol ta' tiftix fuq merkanzija, vetturi kif ukoll bagalji. Ta' min isemmi li l-maġġoranza tal-klieb użati mill-Pulizija Ċiprijotta huma tar-razza Labrador, pero' wieħed isib ukoll klieb tar-razza German Shepherd.

Biex dan it-taħriġ sar fuq livell professjonali u l-ispjegazzjoni ssir bl-aktar mod ċara u diretta, sar użu ta' videos kif ukoll ritratti, liema materjal ġie mħejji kollu b'reqqa u dedikazzjoni minn qabel mar Ċipru l-Kuntistabbli Cauchi. Saret ukoll preżentazzjoni ta' kif isir it-taħriġ fis-Sezzjoni tal-Klieb Maltija. Is-sistema Maltija intgħoġbot ħafna f'dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol dirett fis-soċjeta' kif ukoll kif wieħed jesponi ruħu b'mod speċjali fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi.

Ix-xogħol tal-Kuntistabbli Cauchi ġie apprezat ħafna tant li bħala apprezament sar riċeviment għad unur tiegħu mill-għola uffiċjali tal-Korp Ċiprijotta, fejn kienu mistiedna ukoll il-Pulizija kollha li ħadu sehem fit-taħriġ. Saret ukoll żjara f'postijiet ta' attrazzjoni f'Ċipru, fosthom il-Muntanja ta' Troodos.

Is-sodisfazzjon tal-Kuntistabbli Cauchi huwa li għadda dak li tgħallem fl-24 sena li ilu stazzjonat is-Sezzjoni tal-Klieb. Fl-1990 kien ingħata l-opportunita' li jmur il-Ġermanja u jsegwi kors fuq *Dog Handling*, drogi u splussiv.

Il-Kuntistabbli Cauchi jixtieq jirringrazzja lil Kummissarju John Rizzo u l-Assistent Kummissarju Josie Brincat ta' l-appoġġ u ta' l-esperjenza sabiħa li kellu ġewwa Ċipru.




Waqt taħriġ li kien jingħata lil Pulizija Ċiprijotta

THE GLOBAL GROUP




"Il-Familja nafdaha biss f'idejn il-BUPA"

*Kemm fid-dar kif ukoll jekk tgħix jew taħdem barra minn Malta, l-inqas ħaġa li għandek tinkwieta dwarha hija polza ta' sigurta' fuq saħħtek. Trid tħossok moħħok mistrieħ li l-ħtiġijiet mediċi tiegħek huma mħarsa. U li għandek aċċess għall-aqwa kura kull meta jew kull fejn tista' teħtieġha. Dan hu li l-BUPA diġa' qed tagħti lil tmien miljun ruħ madwar id-dinja.*

*Għal aktar tagħrif dwar il-BUPA Private Health Care Schemes tista' ġentilment iċċemplilna fuq 21 342 342.*

BUPA Malta

*DEDIKATI BIEX NIEĦDU ĦSIEB SAĦĦTEK*

**BUPA Agencies Ltd**
120 Ix-Xatt · Gzira GZR03 · Malta
Tel: [+356] 2134 2342 · Fax: [+356] 2133 3100
E-mail info@bupamalta.com
www.bupamalta.com

*BUPA Agencies Ltd hija awtorizzata bħala aġent ta' l-assigurazzjoni u hija regolata mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.*

# Ringrazzjamenti

Lis-Sur John Rizzo,

Kummissarju tal-Pulizija,

Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija,

Floriana.

Għażiż Sur Kummissarju,

Qed niktiblek biex infaħħar u nirringrazzja minn qalbi wieħed mill-uffiċċjali tal-Korp li l-bieraħ tani tant għajnuna f'inċident tat-traffiku li kellha l-familja tiegħi.

Il-bieraħ, 10 ta' Awissu 2003, għal ħabta tas-6.20.p.m., fit-Triq ta' l-Aħrax limiti tal-Mellieħa, il-karozza Isuzu Diesel misjuqa minn oħt il-mara tiegħi aċċidentalment tilfet il-kontroll, ħabtet ma' ħajt u nqalbet ta' taħt fuq. Fiha kien hemm ukoll bin is-sewwieqa u tnejn minn uliedi. Fid-direzzjoni opposta kienet ġejja karozza li malli raw l-inċident waqfu mill-ewwe[l] ħareġ jagħti l-għajnuna dak li wara sirt naf li hu s-Supt. Raymond Zamm[it] ta' l-Akkademja tal-Pulizija u ibnu. Hu mhux biss ħareġ lil kulħadd m[in] karozza maqluba u saħansitra beda jagħti l-*First Aid* lil min kellu bżonn[...] jneħħi xi frak tal-ħġieġ li sofrew minnu whud minn dawk fil-karoz[za] imma wkoll beda jċempel għall-għajnuna tal-*Fire Brigade* u għa[l] ambulanza u xi Membri oħra tal-Pulizija li ġew malajr.

L-għajnuna f'waqtha u professjonali li tana s-Supretendent R. Zammit h[...] apprezzata ħafna minni u mill-membri tal-familja. Prosit u Grazzi ħafna!

Għoddni tiegħek:

---

Lill-Kummissarju tal-Pulizija,
Kwartieri Generali,
Floriana.

Sinjur,

Xi xhur ilu jiena sibt ghajnuna mill-Pulizija tat-Traffiku Norman Xuereb. Kelli pparkjata f'nizla u hin minnhom qabdet miexja u laqtet Taxi li kienet ipparkjata wa[...] Taxi ghamel storbju shih u talabni somma flus biex isewwi l-hsara. Deherli li kien [...] zzejjed u hekk kif kont ser nghidlu li rrid inkellem lir-ragel, rajt lill-Pulizija msem[...] ma' xi hadd. Mort fuqu u tlabtu jintervjeni. Ghall-kelma tieghu tat-Taxi accetta [...] anqas.

Ta' dan jiena grata hafna lejh.

Irrid nghidlek izda, li jiena diga ktibtlek dwar dan izda billi ma rcevejt ebda ac[...] hsibt li forsi ma tajtekx informazzjoni bizzejjed.

Nitolbok gentilment biex iggib din l-ittra u r-ringrazzjamenti tieghi lill-Pulizija [...]

Nirringrazzjak bil-quddiem.

Inselli ghalik,

ANTONELLA GALEA

---

Anthony Vella
Fairlane
Indipendence Av[...]
Mosta MST 02

14th October 2003

*Lill-Kummissarju tal-Pulizija*
*Kwartieri Generali tal-Pulizija*
*Floriana*

Sur Kummissarju,

Jiena Anthony Vella ID Card No. 626754M sid ta' *cabin cruiser* S 10904 qed nikteb din l-ittra bħala ringrazzjament ta' assistenza li tawna il-pulizija.

Nhar il-Ħadd 12 ta' Ottubru 2003 għal ħabta tat-3.00 p.m. konna qedgħin nirritornaw lura lejn il-port ta' l-Għadira, meta inqalgħet xi ħsara fil-magna tal-*cabin cruiser* u ċempilna fuq ir-*radio*. Fil-pront il-pulizija ġew u tawna l-assistenza meħtieġa. Ta' dan aħna nibqgħu grati ħafna lejn il-korp.

B'din l-ittra qed nikkumplimenta lill-korp tal-pulizija tax-xogħol siewi li jagħmel.

Grazzi ħafna.

*Anthon[y ...]*

---

CONSOLIDATED BISCUIT CO. LTD.

Mriehel Industrial Estate, Qormi QRM 09, Malta
Tel. (+356) 2144 0361 • Fax. (+356) 2144 0365 • Web. www.cbiscuits.com • e-mail: info@cbiscuits.com
Vat Reg. No. 1002 5637 • Company Reg. No. C5600

On behalf of Mr. Joseph Pace, the Managing Director of Consolidated Biscuit Co. Ltd. and the organising committee, I would like to thank you whole heartedly for participating in the Sunshine Snacks Festival held in Gnien il-Kunsill, Nadur.

Your priceless presentations were both educational and very important in our everyday lives.

Once again, thank you for your participation.

Sincerely,

Mark Muscat
Sales & Marketing Manager

---

IL-KAVALLIER TA' SAN ĠAKBU
ĊENTRU GĦALL-KREATTIVITÀ

10 ta' Mejju, 2004.

Lill-Kummissarju tal-Pulizija
Depot tal-Pulizija
Floriana.

Ghaziz Sur Kummissarju,

F'isem il-Fondazzjoni Centru ghall-Kreattivita u l-Management ta' St. James Cavalier nixtieq nestendi r-ringrazzjamenti taghna lilek u lill-membri kollha tal-Korp li kien[...] xoghol b'konnessjoni ma' l-attivita FLYZONE li saret fic-Centru il-lejl bejn is-Sibt 8 u [il-] Hadd 9 ta' Mejju.

Zgur li int infurmat mis-subalterni tieghek, li l-attivita' imxiet harir, minghajr eb[da] [...]ilmenti jew incidenti u l-organizzaturi zammew mal-permess kif mahrug wara l-laq[gha] mieghek nhar il-Gimgha li ghadda.

Mill-gdid nirringrazzja lilek u lill-membri tal-Korp ghall-kooperazzjoni shiha taghkom.

Tislijiet.

Chris Gatt
[...] Manager

# TEN YEARS OF PERFORMANCE!




## COMMITMENT. QUALITY. SERVICE.

Middlesea Valletta Life is the only Maltese specialist life assurance company with a premium income in excess of Lm20 million, total assets in excess of Lm142 million and a Life Fund valued at over Lm120 million.

With achievements like these, Middlesea Valletta Life is the company with whom you can plan your future. But it's not just our corporate financial strength that policyholders can take comfort in. It's in the company's values and beliefs, too.

We believe that a sense of commitment, quality and service is core to our business. So do over 45,000 individual lives assured with us. Perhaps that's why over 50% market share is a good indicator of this positive state of affairs.

There's so much more to life when you are covered by Middlesea Valletta Life because you can be assured our professional care. We thank you for placing your trust in us and look forward to the future with optimism and vitality.

10 *Years*

MIDDLESEA VALLETTA LIFE

*Assurance Company Limited*

***So much more to life***

Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited is licensed by the Malta Financial Services Authority to provide investment services under the Investment Services Act 1994 and authorised to carry on long term business under the Insurance Business Act 1998. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd., Middle Sea House, Floriana GPO 01, P.O. Box 337, Malta. Registration No: C15722 Telephone: 21 226 411 Telefax: 21 226 429 Website: www.msvlife.com e-mail: info@msvlife.com

COM 1208041

# Uniformijiet Ġodda



Spettur K. Haber
Affarijiet Interni

Mill-ewwel ta' Novembru li ġej l-uniformi tax-xitwa ser tkun tikkonsisti fi tnejn. Dik Formali u l-oħra Informali.

L-uniformi l-Formali għandha tintlibes għall-Qorti, parati u f'okkazjonijiet u avvenimenti speċjali. Din tikkonsisti f'dan l-ilbies:-

Beritta tax-xitwa
Qmis u l-ingravata
Glekk u l-qalziet pariċċ
Kalzetti tas-servizz
Zarbun tas-servizz




L-uniformi Informali li għandha tkun l-Uniformi ta' kuljum tikkonsisti f'dan li ġej:-

Beritta tax-xitwa
Qmis u l-ingravata
*Jersey* kulur blu bl-għonq 'V'
Qalziet tax-xitwa
Cintorin li normalment jintlibes fuq l-uniformi tas-sajf
Kalzetti tas-servizz
Żarbun tas-servizz

Huwa r-rikkomandat li l-qalziet li jintlibes mal-flokk ma jkunx dak ta' l-uniformi l-Formali. Il-qalziet ta' din l-uniformi għandu jintlibes biss mal-glekk sabiex din tibqa' presentabbli u pulita kemm jista' jkun.

Il-*jersey* hu ta' kulur blu skur, għandu re-inforcements fuq l-ispalel u l-minkeb, u għandu l-badges tal-Korp imwaħħlin fuq kull naħa tal-kmiem, kif wieħed isib fuq il-qmis tas-sajf. Il-kelma PULIZIJA mwaħħla fuq is-sider fuq in-naħa tax-xellug.

Il-parka jew raincoat ukoll ser tara tibdil sostanzjali. Għalkemm l-għamla għadha bazikament simili għal dik ta' qabel, gew introdotti diversi fatturi biex din tkun aktar adatta għal xogħolna.

Wieħed jista' jsemmi li din il-ġakketta ser ikollha inner cuffs fil-kmien, għonq li jinqafel sa taħt il-geddum, kif ukoll hood li jofri aktar protezzjoni mill-elementi.

Estetikament għalkemm din il-parka ser tibqa' sewda, gew mizjuda zewg strixxi ta' tape riflettiv li jitilgħu minn maċ-ċintorin għal l-ispalla u jinżlu ghal mad-dahar. Strixxi cirkulari riflettivi ser ikunu wkoll ma' kull




komma. Ic-cintorin ser ikun ukoll maghmul mill-istess materjal riflettiv.

Fuq id-dahar ser ikun hemm ukoll il-kelma PULIZIJA miktuba b'ittri kbar riflettivi kif ukoll fuq in-naħa tax-xellug fuq in-naħa ta' quddiem.





the malta stock exchange
The Malta Stock Exchange is at the forefront of Malta's drive to become a major international financial centre, offering a wide range of services, including opportunities for admission of both domestic and foreign securities and back office services.
• Simple & flexible regulations
• Competitive fees
• Internationally recognized legislative and regulatory standards.
BORŻA TA' MALTA
MALTA STOCK EXCHANGE
Garrison Chapel, Castille Place, Valletta CMR 01, Malta.
Tel: (00356) 2124 4051, Fax: (00356) 2569 6316
E-mail: borza@borzamalta.com.mt
Website: www.borzamalta.com.mt
Contact: The General Manager

# X'hemm wara l-Magazine 'Il-Pulizija'



WPS 93 C. Fabri
C.M.R.U.

Xi jfisser għalik li qed taqra dan il-Magazine, li kull erba' xhur tirċievih bil-posta u li l-materjal tiegħu isir kollu minn kollegi bħalek?

Bdejt b'din il-frazi għax kienu bosta l-kummenti li smajna minn Pulizija ta' kull rank li l-Magazine huwa ħela ta' ħin, flus u riżorsi għal Korp u li dawn jistgħu jintefqu x'imkien ieħor fejn l-aktar li hemm bzonn.

Ser nagħti spjegazzjoni qasira ta' x'isawwar eżatt il-Magazine 'Il-Pulizija'.

1. Il-Bord Editorjali tal-Magazine jiġi maħtur mill-Kummissarju kull sena waqt l-elezzjonijiet ġenerali interni li jsiru f'Marzu (GHQ Circular No. 71/2003)

2. Il-Magazine jinqasam fi tnejn - il-ġbir tar-riklami u dak ta' l-artikli. Minn hawnhekk jibda x-xogħol vera biex jiġi ffurmat il-Magazine.

3. Biex ix-xogħol ikun mill-aktar trasparenti u mill-aktar professjonali, il-Bord jiltaqa' qabel kull ħarġa biex jara x'għandu materjal f'idejh li jkun ta' interess għall-qarrej. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Magazine tal-Pulizija mhux rivista bħal l-oħrajn, imma huwa Magazine li jrid jilħaq ċertu livell f'dik li hija edukazzjoni kif ukoll ta' informazzjoni.

4. Biex l-affarijiet ikunu mill-aktar serji u professjonali, inġabret informazzjoni għar-rigward stampar, riklamar, disinn kif ukoll distribuzzjoni tal-Magazine. Wara li dawn ġew mixtara, l-għażla waqgħet fuq l-Ability Publications Ltd.

5. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Magazine ġie ntrodott kuntratt, fejn din il-kumpanija ġiet marbuta b'diversi klawżoli, fosthom li l-kumpanija għandha tgħaddi lil Pulizija erba' mitt lira Maltin (Lm400) wara kull pubblikazzjoni, jiġifieri sittax-il mitt lira Maltin (Lm1,600) fis-sena. Dan għaliex il-Magazine joħroġ kull tlett xhur, erba' darbiet fis-sena. Il-kumpanija ma' l-iffirmar tal-kuntratt ġiet marbuta li tħalli depożitu ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) u dan f'każ li din xi darba tfalli milli tgħaddi l-erba' mitt lira Maltin (Lm400) dovuti wara kull pubblikazzjoni. Mat-tmiem tal-kuntratt ma' din il-kumpanija, it-tmien mitt lira Maltin (Lm800) jerġgħu jiġu mrogħddija lura .




6. Dawn il-flus wara jiġu depożitati fil-fond tal-Korp. Hawnhekk wieħed għandu japprezza l-fatt li l-Korp ma joħroġ xejn biex isir il-Magazine, anzi jieħu l-ammont ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) ma' kull ħarġa.

7. X'inhu r-rwol tal-Bord Editorjali? Xogħol il-Bord Editorjali huwa li jara li kull ħarġa jkollha materjal ta' interess u li jkun kompatibbli maż-żmien li jkun sejjer jiġi pubblikat. Huwa ta' sodisfazzjon li ma' kull min tkellimna sostna li l-Magazine qed jieħu xejra differenti u li l-livell tiegħu qiegħed dejjem jogħla.

8. L-issue ta' l-artikli. Kull pulizija jista' jekk irid jikteb fil-Magazine, **irrilevanti** mir-Rank li jżomm. Il-qawl Malti jgħid li min imaqdar irid jixtri. Dan qed ngħidu għax hawn ħafna min imaqdar il-Magazine u meta jiġi mitlub biex jikontribwixxi tarah jitbiegħed minnek. Aħna napprezzaw kull kumment kostruttiv li wieħed ikun irid jgħaddi, u kien għalhekk li fl-aħħar ħarġa ġie ntrodott kwestjonarju, li sfortunatament sakemm dan il-materjal mar għall-istampar, kienu zewġ persuni biss li rrispondewh.

9. Id-deċiżjonijiet kollha fuq il-materjal stampat, jiġifieri l-artikli, jiġu meħuda mill-Bord Editorjali u mhux kif forsi ħafna jaħsbu mill-Kummissarju. Il-Kummissarju jara l-prodott lest u bil-barka tiegħu dan jintbagħat għall-istampar. Sal-ġurnata tal-lum kemm ili Editur qatt ma naf li l-Kummissarju neħħa xi materjal jew kien hemm xi ħaġa li ma qabilx magħha. Pjuttost dejjem kien kuntent bil-materjal u l-prattiċita' li jaħdem biha l-Bord Editorjali.

10. L-aħħar nota li nixtieq nagħlaq biha hija li l-Bord Editorjali japprezza kull idea jew kitba li kull kollega jista' jkollu għal titjieb tal-Magazine 'Il-Pulizija'.

# Mit-telefonati tagħkom



PS 506 C. Zammit
Sezzjoni Traffiku

Is-sajf għal bosta jfisser staġun ieħor ta' baħar, waqt li għal bosta jfisser il-wasla tal-festi tal-lokal li magħhom iġibu diversi ċelebrazzjonijiet. Ħafna telefonati li rċievejt kienu jittrataw dwar dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, speċjalment ix-xalati li jiġu organizzati l-għada tal-festa. L-iktar żewġ mistoqsijiet li saruli kienu jekk jistgħux idoqqu l-ħornijiet huma u deħlin ir-raħal jew belt, jew jistgħux jikru *trailer* biex imorru x-xalata bih.

Nibda biex inwieġeb l-ewwel mistoqsija dwar il-ħorn. Nikkwota parti mir-Regolamenti dwar Il-Vetturi bil-Mutur jew kif iktar nafuh bl-ingliż *Motor Vehicle Regulations*. Regolament numru sitta u disgħin (96) jobbliga li:

1. Kull persuna li tkun qiegħed issuq vettura għandha, meta jkun meħtieġ tgħati avviż biex turi li ġejja billi ddoqq il-ħorn jew mezz ieħor.
2. Ebda persuna ma għandha tagħmel, iġġiegħel jew tħalli li jsiru ħsejjes bla bżonn bil-ħorn tal-vettura jew b'xi mezz ieħor ta' twissija.
3. Kull uffiċjal tal-Pulizija jew Gwardjan lokali jista' jipprojbixxi l-użu ta' kull ħorn jew mezz ieħor ta' twissija li jkun storbjuż jew b'mod ieħor. Ebda ħorn pnewmatiku (ħlief ħorn ordinarju tal-bużżieqa li jingħafas bl-idejn) u ebda ħorn li jaħdem bil-mutur ma għandu jintuża' fuq xi vettura.
4. Kull uffiċjal tal-Pulizija li ma jkunx taħt il-grad ta' sotto-spettur jew gwardjan lokali jista' jordna li jitneħħa minn kull vettura kull ħorn jew mezz ta' twissija li l-uzu tiegħu jkun projbit skond id-disposizzjoni tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament.
5. Ebda ħorn jew mezz ieħor ta' twissija ma għandu jindaqq f'inħawi abitati bejn il-ħdax ta' bil-lejl u s-sitta ta' filgħodu.
6. Id-disposizzjoni tas-subregolament (2), (3), (4) u (5) ma japplikawx għal ebda vettura msemmija fir-regolament 83 (1), li huma vetturi tat-tifi tan-nar, ambulanzi, vetturi tas-salvataġġ u tas-sokkors u vetturi oħra bil-mutur li għandhom preċedenza minħabba n-natura tax-xogħol li jkunu fi triqthom fuq sejħa urġenti jew f'xi emerġenza oħra.

Ma rridux ninsew li hemm ukoll tabella li tipprojbixxi li jindaqq il-ħorn f'ċertu postijiet bħal l-Imdina.Din it-tabella hija koperta b'Avviz Legali numru 94 ta' l-1969.



Ma tistax iddoq il-horn



Tmiem tal-projbizzjoni ta-daqq tal-horn

Dan ir-regolament jurina biċ-ċar li l-ħorn ma jistax jindaqq għal skop ieħor ħlief dak imsemmi f'sezzjoni (1). Qegħdin jiksru r-regolamenti dawk is-sewwieqa li għaliex rebaħ it-tim, jew il-partit li huma jissapportjaw, iduru ma' Malta jew Għawdex bil-karozza jew bit-trakk tax-xogħol idoqqu l-ħorn sabiex jiċċelebraw u jinku lill-partitarji tat-tim, partit jew każin l-ieħor.

Xi drabi lanqas jgħaddi minn moħħna li qedgħin niċċelebraw fil-viċinanzi ta' xi wieħed mill-postijiet projbiti minn dawn, u ninsew li billi nafsu dak l-imbierek ħorn ta' l-arja inġennu lil kulħadd. Kelli esperjenza din is-sena fejn kelli nattendi l-isptar minħabba storbju li kien qiegħed isir minn xi studenti li kienu għadhom kemm gradwaw. Kienu tobba ġodda. Meta staqsejthom kienux jafu li bl-attegament tagħhom kienu qegħdin itellfu l-mistrieħ tal-pazjenti, baqaw iħarsu lejn xulxin għaliex lanqas biss ġiethom f'rashom li biċ-ċelebrazzjonijiet li kienu qegħdin jagħmlu bdew itellfu l-mistrieħ tal-pazjenti li tagħhom kellhom il-kura.

F'dan ir-regolament hemm daqsxejn ta' inkongruwita. Subregolament (4) ta' dan ir-regolament jidher ċar li Gwardjan Lokali għandu awtorita' ta' aktar minn Surġent tal-Pulizija, u ngħid għaliex. Il-Gwardjan jista' jordna li jitneħħa minn kull vettura kull ħorn jew mezz ta' twissija li l-użu tiegħu jkun projbit skond id-dispożizzjoni tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, u Surġent tal-Pulizija ma jistgħax, għaliex għandu grad taħt sotto-spettur. Naħseb li wasal iż-żmien sabiex dan ir-regolament jiġi emendat billi jawtorizza lill-Pulizija kollha bla distinzjoni ta' rank, bħal ma huma awtorizzati l-Gwardjani lokali.

It-tieni mistoqsija hija jekk jistgħax jintuża' *Trailer* biex immorru x-xalata.

Id-definizzjoni ta' *Trailer* fir-Regolamenti Dwar Vetturi Bil-Mutur jew aħjar fil-*Motor Vehicle Regulations*, tfisser kull vettura birroti mingħajr qawwa mekkanika, disinjata biex tinġibed minn vettura bil-mutur biex iġorr persuni jew merkanzija.

Mela, ser nibdew naraw x'kien qiegħed isir l-għada tal-festa. Grupp ta' nies kienu jikru *Trailer*, jarmawlu diversi *speakers*, mużika, jgħabbulu xi tankijiet tal-ħamsa u erbgħin li jiġu mimlija b'diversi tipi ta' alkoħol u birra. Sakemm *it-trailer* ikun iddisinjat u awtorizzat mill-Awtorita' tat-Trasport sabiex iġorr in-nies biss ma hemm xejn ħażin fil-ġarr tan-nies, imma, jekk matul il-vjaġġ tagħhom ikun hemm mużika b'volum għoli, storbju min-nies li jkun hemm fuq *it-trailer* u anke jitqassam xorb alkoħoliku, hawn qiegħda tinkiser il-liġi.

Hawn jistgħu qegħdin jinkisru diversi liġijiet fosthom l-Artikolu 41 tal-Kap. 10 dwar l-istorbju; Kapitlu 440 ta' l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ dwar it-tqassim ta' xorb alkoħoliku; Avviz Legali numru 366 ta' l-2004 dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskju ta' terzi persuni (dwar l-assikurazzjoni tan-nies fuq *it-trailer*), kif ukoll regolament numru (69) dwar it-tagħbija tal-passiġġieri żejda, regolament numru (91) dwar l-alterazzjoni tal-vettura u regolament numru (117) dwar l-imġieba perikoluża tal-passiġġieri kollha mir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u Avviz Legali 191 ta' l-2002 (l-ewwel skeda) dwar it-tibdil fil-kategorija tal-vettura.

Xi tlett snin ilu s-sezzjoni tat-Traffiku bdiet tagħmel laqgħat ma' diversi kumitati ta' fejn tkun ser tiġi organizzata l-festa sabiex jiġi miftiehem tajjeb il-legalita' li xi ħadd jikri xi *trailer* sabiex jorganizza x-xalata b'mod kif spjegajt qabel. B'dan il-mod ikkontrollajna minn qabel diversi kiri ta' dawn *it-trailers*.

Ma waqafniex hawn, laqqajna s-sidien li kienu jikru dawn it-tip ta' *trailers* li wara li spjegajnilhom ir-regolament u anke l-liġi, aċċettaw li ma jkomplux sejrin b'din l-attivita' b'mod illegali.

Minn riċerka li għamilt sibt li d-definizzjoni ta' *Trailer* kienet saret sabiex jiġu użati għal xi *meetings* politiċi, pero' naħseb li llum wasal iż-żmien biex din id-definizzjoni tiġi emendata, billi tiġi kkanċellata il-kelma passiġġieri.


PISANI TRADITION
DewFresh®
SINCE 1884
Dewfresh
FRANKFURTERS
Give your kids something to smile about!
Kids these days have become so hard to please, that convincing them to eat quality tasty meals *(that can be prepared in less than 15 minutes)* is no easy task.
With Dewfresh Frankfurters, you know your kids are biting into superior quality because all tasty Dewfresh products are produced from the best selected quality meat and are made in the same Pisani family tradition since 1884.
So next time you want to give your kids something to smile about serve **Dewfresh Frankfurters!**
DewFresh®
10 FRANKFURTERS
"bite into superior quality"
EXTRA VALUE
Dewfresh Products Ltd. | Albertown Marsa | Malta
Tel: 21 239748 | www.dewfreshproducts.com


How reliable is your security system?
**Philip Toledo Ltd.** has been in the security business for over fifty years, and is the sole local distributor for the world renowned Chubb and Bell security products including:
• Intruder Alarms
• Fire Alarms
• Access Control Units
• Closed Circuit TV
• Security Safes
• Document Fire Safes
• Computer Media Safes
• Integrated Security Systems
BELL
Chubb
PHILIP TOLEDO LIMITED
Computer & Communication Solutions
Notabile Road, Mriehel BKR 01, Malta.
Tel: 21 44 55 66 Fax: 21 48 43 16
e-mail: info@ptl.com.mt website: www.ptl.com.mt

# Surġenti Ġodda fi ħdan il-Korp tal-Pulizija



PC. 1155 C. Mangion C.M.R.U.



Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Lulju, 2004 kienet ġurnata mistennija minn 50 Kuntistabbli wara stennija ta' disa' xhur biex jingħataw il-promozzjoni għar-rank ta' Surġent. Ftit qabel nofs in-nhar dehru 50 Kuntistabbli lebsin bl-uniformi bil-kmiem twal u l-ingravata, ħafna minnhom eċitati, lesti biex jieħdu responsabilitajiet ġodda fir-rank ta' Surġent.

Dawn il-grupp ta' 50 Kuntistabbli minn diversi Taqsimiet u Distretti, huma parti mit-93 Kuntistabbli li għaddew b'suċċess il-kors ta' Surġent bit-43 l-oħra mistennija jsiru wkoll Surġenti dalwaqt. Iċ-ċerimonja tal-ħatra saret fis-Sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, l-Furjana.

Il-50 Surġent ingħataw il-penzijiet mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzija u l-Intern Dr Tonio Borg fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici, il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Intern u uffiċjali oħra. Iċ-ċerimonja kienet immexxija mit-taqsima tar-Riżorsi Umani tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Ministru Borg feraħ lis-Surġenti l-ġodda u ħeġġiġhom biex ikomplu jaqdu dmirijiethom bi professjonalità u dinjità. Huwa qal li l-aħħar stħarriġ li sar kompla juri li l-pubbliku għandu fiduċja kbira fil-Korp tal-Pulizija kif ukoll faħħar it-tmexxija tal-Korp.

Il-Ministru Borg kompla jgħid li okkażjonijiet bħal dawn jimlewh b'kuraġġ meta jara żgħażagħ li għażlu li jagħmlu karriera mix-xogħol tagħhom fil-Korp tal-Pulizija, xogħol li bih iħarsu d-dgħajjef u jiġġieldu kontra l-kriminali.

Il-Viċi Prim Ministru qal li llum il-Pulizija qiegħda tiffaċċja kriminalità ġdida u rrefera għal kriminalità nternazzjonali li kull ma tmur qiegħda tikber bit-teknologija moderna kif ukoll il-fenomenu ta' l-immigrazzjoni klandestina li din is-sena kienet esperjenzata b'mod estensiv anki f'pajjiżna.



Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern qal li l-Pulizija jrid iżomm ruħu aġġornat b'taħriġ kontinwu u għandu jkollu aċċess għat-teknoloġija. Fl-aħħarnett huwa qal li minħabba x-xogħol tiegħu l-Pulizija irid ikun dedikat u lest li jagħmel is-sagrifiċċji, minħabba li l-kriminal ma għandux la staġuni u lanqas vaganzi.

Min-naħa tiegħu l-Kummissarju John Rizzo qal li s-Surġenti huma s-sinsla tal-Korp tal-Pulizija u ddeskriva dan ir-rank bħala l-Ambaxxaturi tal-Korp. Il-Kummissarju qal li s-Surġent, speċjalment dawk fid-Distretti, huma l-ewwel nies li l-pubbliku jsib f'każi ta' aċċidenti, reati u sitwazzjonijiet oħra. Huwa ħeġġiġhom biex ifittxu l-għajnuna u l-pariri tas-superjuri tagħhom u awguralhom ħidma tajba fir-rank il-ġdid.



Wara d-diskorsi, s-Surġenti ngħataw il-penzijiet kif ukoll il-postings fejn kellhom jirrappurtaw għax-xogħol għall-ewwel darba bħala Surġenti mill-għada tal-ħatra.

Il-Korp tal-Pulizija mistenni jkompli jissaħħaħ bil-kumplament ta' dawk li temmew b'suċċess il-Kors għal Surġenti, li sar aktar kmieni din is-sena, jiġifieri it-43 Kuntistabbli l-oħra, kif ukoll bis-Surġenti Maġġuri u r-rekluti l-ġodda.


FEXCO
Fexco Financial Services (Malta) Ltd.
*conditions apply
get more for your money with FEXCO's
holidaymoneyPLUS
:: competitive rates
:: buy back guarantee*
:: free air miles*
:: San Gwann :: Sliema :: Rabat (Malta) :: Mdina :: Victoria (Gozo)
:: Tel: 21 378 867 :: Fax: 21 378 869 :: Email: info@fexcomalta.com
:: www.fexcomalta.com


JOLLY LIMITED
Fresh Local Produce
Best Gammon,
Ham & Bacon
JOLLY COOKED GAMMON
JOLLY COOKED HAM
Trade Enquiries: JOLLY LTD. A 52 Industrial Estate, Marsa. Tel: 21 245791 Fax: 21 244726 E-Mail: jolly@melita.net




# L-Administrative Law Enforcement Unit - A.L.E.

L-*Administrative Law Enforcement Unit* tal-Pulizija tagħmel parti mis-Servizzi Protettivi tal-Korp u għalhekk taqa' taħt l-Assistent Kummissarju Josie Brincat u s-Supretendent Raymond G. Zammit. L-A.L.E. din is-sena tagħlaq 14-il sena mit-twaqqif tagħha u kif spjega tajjeb l-Ispettur Alexander Miruzzi, li ilu nkarigat direttament minn din l-iskwadra għal dawn l-aħħar erba' snin, l-iskop li għaliha kienet twaqqfet l-A.L.E. kien li tagħti assistenza lid-Distretti tal-Pulizija mxerdin ma' Malta u Għawdex, speċjalment fejn jidħol l-infurzar tar-regolamenti ta' l-ambjent. Fl-1991 kien ġie introdott l-ewwel Att dwar l-Ambjent, kif ukoll ġew introdotti Avviżi Legali taħt dan l-Att u għalhekk l-iskop ta' l-A.L.E. kien li jaraw li dan l-Att jiġi infurzat minn kull angolu. F'nofs id-disgħinijiet kien hemm żvilupp importanti ieħor, u ċioe ġiet introdotta s-sezzjoni ta' l- A.L.E. ta' fuq il-baħar. Għalhekk bdew jinxtraw opri u magni tal-baħar u apparat ieħor relatat mas-sorveljanza tal-kosta, biex l-A.L.E. setgħet tagħti l-kontribut tagħha fil-ħarsien tar-regolamenti tal-baħar, ħarsien tar-regolamenti tas-sajd viċin il-kosta u regolamenti rigward it-tbaħħir fl-ibħra territorjali Maltin.

L-A.L.E. bħal issa tikkonsisti fi 28 membru li huma l-Ispettur Miruzzi, ħames Surġenti, u 22 Kuntistabbli. Dan il-grupp jinkludi ukoll 3 membri li huma stazzjonati fl-uffiċju ta' l-A.L.E. Bħala vetturi u opri tal-baħar l-A.L.E. preżentament għandha tliet *dinghies*, tliet *speedboats* u ħames vetturi *off-road.*

L-Ispettur Miruzzi daħal aktar fid-dettal fuq ix-xogħol speċifiku li tagħmel l-A.L.E. kemm dak fuq l-art kif ukoll dak fuq il-baħar. Huwa qal li għalkemm ix-xogħol jidher li huwa separat fil-fatt huwa kumplimentari ħafna. Il-ħidma ta' l-A.L.E. tiffoka fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u dawn jinkludu għasafar, annimali, ħxejjex, siġar u ħitan tas-sejjiegħ fost oħrajn. Għalhekk dan ix-xogħol jinvolvi kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra bħal m'huma d-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji, id-Dipartiment ta' l-Artijiet, il-MEPA, l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu l-u,





WPC 255 R. Fenech
C.M.R.U

Awtorita' Marittima ta' Malta u ħafna entitajiet oħra. Rigward ix-xogħol fuq l-art, s-Sur Miruzzi sostna li l-A.L.E. xi kultant hija famuża biss għall-infurzar tar-regolarmenti tal-kaċċa u l-insib, pero l-ħidma ta' l-A.L.E. hija ħafna aktar wiesa'. Fil-fatt din l-iskwadra tagħmel fost oħrajn *patrols* immirati fuq ir-rimi llegali ta' skart, tagħmel spezzjonijiet mad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji fuq irziezet biex jaraw li r-regolarmenti maħruġa mill-istess Dipartiment ikunu qed jiġu mħarsa, tagħti assistenza lill-MEPA rigward bini u strutturi llegali u tagħti assistenza lid-Dipartiment ta' l-Artijiet fuq *eviction orders*, jiġifieri meta individwi jokkupaw b'mod illegali art li hija tal-Gvern. Xogħol ieħor importanti li jagħmlu l-A.L.E. u li forsi jaqqad ix-xogħol ta' l-art ma' dak tal-baħar huma l-*beach patrols* fid-diversi bajjiet madwar il-pajjiż.

Rigward is-suġġett tal-kaċċa llegali, l-Ispettur Miruzzi kien mitlub jikkummenta rigward il-kritika li naraw u nisimgħu fuq il-mezzi tax-xandir fejn tidħol il-ħidma tal-Pulizija kontra abbuż ta' kaċċa u nsib. Huwa sostna li *"l-kaċċa huwa suġġett passjonali ħafna. Hemm opinjonijiet li jgħidu li l-Pulizija ma tagħmel xejn jew li tagħmel ftit f'dan ir-rigward u hemm il-kaċċaturi min-naħa l-oħra li jgħidu li l-Pulizija jagħmlu żżejjed. Jiena naħseb li l-verita' tinsab x'imkien fin-nofs."* Sfortunatament hawn ħafna li jaħsbu li x-xogħol l-A.L.E. huwa biss kontra l-kaċċa llegali, pero kif diġa' spjega sew l-Ispettur aktar qabel il-portafol ta' din l-iskwadra huwa aktar vast. Peress li l-A.L.E. tagħmel parti mis-Servizzi Protettivi tal-Korp allura l-membri ta' din l-iskwadra apparti x-xogħol speċifiku tagħhom ikunu xogħol ukoll fil-grownds, ikunu ordnati fl-elezzjonijiet ġenerali, tal-Kunsilli Lokali, u referenda, u xogħol f'festi pubbliċi, nazzjonali u tal-lokalita'.

Hija żbaljata ukoll l-opinjoni li l-problemi ambjentali f'pajjiżna huma relatati biss mal-kaċċa u l-insib, sostna l-Ispettur Miruzzi. Il-kaċċa u l-insib huma problema waħda minn problema aktar komplessa. Inkunu qed nidħku bin-nies u bina nfusna jekk

ATTARD BROS.
GROUP OF COMPANIES
QUALITY IN PEOPLE AWARD
25° Anniversary 1977 - 2002

# Attard Group of Companies

*your construction partner*

ATTARD BROS. CO. LTD
EUROCRAFT LIMITED
ATTARD BLUE MIX
CEMENTSTONE MANUFACTURING CO. LTD
A.C.S. ATTARD CONCRETE SYS LTD








Tel: 2141 5332 • Fax: 2143 0967 • Email: info@attardbros.com






**Free Gift with every purchase and Special Discounts on bulk purchases**

**ZAMCO BUILDINGS**
**MILL STREET , QORMI QRM 03.**
**GENERAL ENQUIRIES: 22 79 22 22**

Zammit Trading Limited
LEADING IMPORTERS OF CATERING DISPOSABLES & ALLIED PRODUCTS

*Importers, distributors of all types of food service disposables & equipment including disposable protective clothing.*

Local Enquiries: Tel : 22 79 22 22 Fax :22 79 21 19
E- mail: sales@zamco.net Website: www.zamco.net

AG Packaging Systems Limited
MACHINERY & MATERIALS

*Packaging Consultancy.*
*Packaging Machinery Sourcing & Supply.*
*Custom modifications. Servicing.*
*Conveyors & all kinds of conveyor belting.*
*Packaging Materials.*

General Enquiries:
Tel : 22 79 21 23
Fax :22 79 21 18
E- mail:info@agps.com.mt
Website: www.agps.com.mt

zamco CATERWARE LIMITED
EST. SINCE 1975

*Converters of Paper , Plastic & Aluminium Catering Disposables under the established Dainty brand for the local & export markets.*

Export Enquiries:
E- mail: sales@zamco.com.mt
Website: www.zamco.com.mt

naħsbu li jekk insolvu l-problema tal-kaċċa u l-insib illegali se nsolvu l-problemi kollha ta' l-ambjent. Minn mindu daħlu l-liġijiet 'moderni' ta' l-1993, kontinwament u b'mod kostanti, il-Pulizija inġenerali u b'mod partikolari ta' l-A.L.E. għamlu minn kollox biex jaraw li dan l-abbuż jiġi kkontrollat. L-Ispettur iħoss li matul is-snin kien hemm progressi, għalkemm jixtieq li l-progressi jkunu aktar mgħaġġla. Dan ma jkunx dejjem possibbli meta tqis li l-ħidma kontra l-abbuż tal-kaċċa u l-insib tfisser ħidma kontra kultura ta' diversi għexieren ta' snin jekk mhux sekli. Jekk il-ħidma tkun aktar mgħaġġla allura l-Pulizija tkun tista' tiffoka aktar fuq problemi oħra ambjentali peress li sfortunatament il-problema tal-kaċċa llegali tieħu priorita' fuq problemi oħra ambjentali.

Fuq is-suġġett tal-baħar, is-Sur Miruzzi spjega li l-A.L.E. tipprova tkun preżenti fuq il-baħar matul is-sena kollha, fil-fatt f'dan l aħħar sentejn, tlieta, il preżenza tal-Pulizija żdiedet kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa u għalhekk dan jawgura tajjeb għal min irid igawdi l-ibħra tagħna b'mod legali kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa. Naturalment ix-xogħol ikun aktar intensiv fil-perjodu tas-sajf, jiġifieri mill-bidu ta' Mejju sa' l-aħħar ta' Ottubru. Dan għaliex f'dan iż-żmien l-ibħra tal-gżejjer tagħna jkunu miżgħuda b'inġenji ta' kull daqs fil-waqt li tiżdied il-popolazzjoni fil-bajjiet tagħna kemm bil-Maltin kif ukoll bit-turisti. Għalhekk f'dan ir-rigward tiżdied il-ħidma ta' l-A.L.E. biex fost oħrajn jiġu mħarsa ż-żoni riservati għall-għawm, jaraw li l-inġenji tal-baħar ikun inx-urjati skond il-liġijiet ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta, ħidma kontra abbużi ta' kaċċa u abbużi ta' sewqan eċċessiv fuq il-baħar, kif ukoll xogħol ta' protezzjoni ma' persuni distinti fuq il-baħar.



L-Uffiċju ta' l-A.L.E. ġewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Lill-Ispettur Miruzzi staqsejtu wkoll jekk ix-xogħol ta' l-A.L.E. fuq il-baħar ikunx aktar diffiċli meta wieħed iqis li fiż-żminijiet tal-lum ħafna bċejjeċ tal-baħar huma mgħammra b'apparat u ngenji moderni li bihom jkunu jistgħu jsuqu b'veloċita' kbira u allura anke kriminali jistgħu jkunu qed jagħmlu użu minnhom. Is-Sur Miruzzi spjega li *"min jipprova jabbuża, jipprova dejjem ikun targa għola minn min qed jinforza l-liġijiet. Pero' f'dawn l-aħħar erba', ħames snin, l A.L.E. żiedet il potenzjal tagħha fuq il baħar u determinati li dan jkompli jiżdied."* Ftit forsi japprezzaw li l-apparat li jintuża fuq il-baħar jinvolvi investiment ta' ħafna flus. Għalkemm l-*ispeedboats* u d-*dinghies* ta' l-A.L.E. huma relattivament zgħar, l-*ispeedboats* jlaħħqu veloċita' qawwija u d-*dinghies* joperaw f'baħar li jkun anke forza 5 jew 6, u għalhekk dan ifisser li s-sorveljanza tista' ssir. F'dan il-qasam diġa' sar ħafna imma dejjem jkun hemm spazju biex isir aktar. L-A.L.E. dejjem tipprova tikkollabora ma' l-Awtorita' Marittima u ħafna *NGO's*. Fil-fatt matul is-snin ħafna *NGO's* taw *back-up* importanti lil din l-iskwadra biex isir investiment fuq magni u apparat ieħor. Per eżempju, kif spjega l-Ispettur, magna *outboard engine* li tintuża mill-Pulizija hija ekwivalenti ma' ħames-tmien snin *outboard engine* li jużа ċ-ċittadin fix-xhur tas-sajf, jiġifieri wieħed jista' jimmaġina t-*turnover* tal-magna.



Waħda minn ħafna speċi differenti t'annimali protetti li jkunu nstabu maqbuda llegalment

Rigward il-ħidma ta' l-A.L.E. fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar staqsejt lill-Ispettur jekk iħossx li l-membri ta' l-A.L.E. għandhomx ikunu armati. L-Ispettur Miruzzi wieġeb li fl-opinjoni tiegħu hu jemmen f'Pulizija mhux armata. Hu spjega li jħoss li l-Pulizija għandha tkun aktar *friendly* imma turi snienha fejn ikun hemm il-bżonn. Fil-fatt l-A.L.E. kienet involuta f'inċidenti żgħar u marġinali fejn il-membri ta' din l-iskwadra b'abilita' ikkontrollaw is-sitwazzjoni b'kolaborazzjoni mal-Pulizija tad-Distrett u tal-*Mobile Squad.*

Huwa mportanti li meta tkun f'azzjoni fejn l-agressur ikollu arma allura hawnhekk il-prekawzjonijiet kollha għandhom jiġu meħuda biex kemm l-uffiċjali tal-Pulizija, kemm l-individwi tal-madwar u kemm l-aggressur inniffsu ma jsofrux ġrieħi jew Alla ħares qatt ikun hemm xi fatalita. Dik fil-fatt hija l-ewwel priorita' assoluta. *"Huwa mportanti li f'każijiet bħal dawn, l-uffiċjal tal-Pulizija ma jkunx hu li jinstiga inċidenti, allura kemm jista' jkun għandna naslu bil-kliem ma' l-individwi"* tenna l-Ispettur. Hu kompla li ġieli kien hemm istanti iżolati fejn din l-iskwadra kellha tirrikorri għall-armi u *bullet-proof vests* biex jidħlu għal individwi li jkunu qed jużaw arma fil-konfront tal-Pulizija, jew għax ikun inħass li f'dik is-sitwazzjoni partikolari għandhom jittieħdu aktar prekawzjonijiet. Jekk il-membri ta' l-A.L.E. ikunu armati l-



Spjegazzjoni fil-qosor tax-xogħol ta' A.L.E. fuq l-art.

ħin kollu, l-Ispettur Miruzzi spjega li x'aktarx ir-reazzjoni ta' l-individwi tkun differenti. Meta jkollok sitwazzjoni fejn il-Pulizija u l-individwi huma t-tnejn armati, hemm tendenza li t-tensjoni ta' bejniethom se teskala aktar malajr. L-Ispettur jemmen li f'sitwazzjoni fejn hemm agressur armat, il-membri ta' din l-iskwadra għandhom l-ewwel jitolbu għall-assistenza qabel jiġi ttekiljat l-individwu. Ma jfissirx li jekk individwu se jhedded b'arma, l-uffiċjali tal-Pulizija għandhom jaraw li l-ambjent ikun idonju biex dak l-individwu jiġi arrestat u mressaq quddiem il-Qrati.

L-Ispettur Miruzzi kien mistoqsi jekk iħossx li matul is-snin l-iskop li għalih kienet twaqqfet l-A.L.E. intlaħaqx sew u jekk hemmx xi tip ta' proġetti ġodda għal din l-iskwadra għall-futur. L-Ispettur wieġeb li meta jkollok skwadra l-iskop tagħha ma jkunx qed jintlaħaq jekk minn żmien għal żmien l-iskop ma jiġix rinovat. Dan għaliex l-isfidi li kien hemm meta ġiet imwaqfa l-iskwadra ta' l-A.L.E. fil-bidu tad-disgħinijiet mhumiex l-istess sfidi li għandu l-Korp tal-Pulizija llum. Ikun żball jekk ngħidu li l-iskopijiet ta' dak iż-żmien u t'issa huma l-istess. Rigward pjanijiet u proġetti għal futur, is-Sur Miruzzi qal li diġa' hemm proposti biex isir struttur mill-ġdid ta' l-A.L.E..

Għandu jittieħed in-konsiderazzjoni per eżempju jekk l-A.L.E. għandiex tibqa' bl-istruttura tal-llum jew jekk għandux ikun hemm żewġ skwadri, waħda speċjalizzata u mmirata kuljum fuq ix-xogħol fuq l-art u oħra speċċjalizzata u ffukata kuljum fuq ix-xogħol tal-baħar, b'nies differenti u mħarġa apposta, u forsi b'aktar fizzjali. Eżempju ieħor huwa jekk għandux ikun hemm tim investigattiv bi grupp ta' nies li jinvestigaw sitwazzjonijiet li jirrigwardjaw l-ambjent, eżempju rigward importazzjoni u traffikar ta' speċi differenti ta' annimali u li jkun hemm kollaborazzjoni ma' Pulizija li jaħdmu fuq l-istess suġġett fi ħdan l-Unjoni Ewropeja. Dawn huma kollha ideat li qed jiġu diskussi fi ħdan il-Korp tal-Pulizija preżentament. Per eżempju trid tkompli tiżdied ukoll il-kollaborazzjoni bejn l-A.L.E. u d-diversi entitajiet tal-pajjiż li huma nvoluti f'dan it-tip ta' xogħol. Fuq dan il-punt l-Ispettur ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu l-iskwadra għandha tiġi rinovata u jiġi diskuss jekk il-pratiċi li qed jiġu adotatti bħal issa jgħoddux għas-snin li ġejjin. Jekk dan l-eżerċizzju ma jsirx minn żmien għal żmien allura l-operat ta' l-iskwadra jista' jkun skadut.

L-intervista ma' l-Ispettur Miruzzi kkonkludiet ruħha, forsi fuq nota anqas serja, meta staqsejt lill-Ispettur jekk f'dawn l-erba' snin inkarigat mill-A.L.E. iltaqax ma' xi esperjenza fuq ix-xogħol li ma kinitx tas-soltu u li żgur jibqa' jiftakarha. Huwa rrakonta li fil-bidu, meta kien hemm il-*Foot and Mouth Disease*, fl-ewwel ġurnata kien ugħamlu xi tnax-il siegħa jispezzjonaw l-irziezet tal-majjali, li sfortunatament xi wħud minnhom ma tantx kienu fi stat iġeniku ħafna u x'ħin mar lura d-dar kien sab majjal ippreparat għal-ikel!.....wara dak li kien ra, naturalment s-Sur Miruzzi ma kielux.

Ħadt ukoll ftit kummenti minn żewġ membri li jiffurmaw parti mill-A.L.E., is-Surġent 116 Richard Cauchi u l-Kuntistabbli 959 Wistin Micallef, li t-tnejn li huma sostnew ħafna mill-punti li semma' l-Ispettur Miruzzi.

Is-Surġent Cauchi li ilu 26 sena fil-Korp, ilu stazzjonat fl-A.L.E. għal dawn l-aħħar sitt snin, stqarr li x-xogħol ta' din l-iskwadra huwa interessanti għax huwa wieħed vast ħafna u jinkludi fost ħafna ħidmiet oħra li diġa semmejt qabel, rejds fuq il-monti peress li ġieli jkun hemm annimali għall-bejgħ li jkunu protetti jew ikunu qed jiġu mmaltrattati u roadblocks kemm kontra attivita' ta' kaċċa llegali kif ukoll kontra reati u kontravenzjonijiet inġenerali. Is-Surġent Cauchi li jkun aktar xogħol fuq il-baħar, bħall-Ispettur, qal li hawnhekk ix-xogħol huwa wieħed vast ukoll, speċjalment meta tikkunsidra li x-xogħol pulizjesk fuq il-baħar isir biss minn din l-iskwadra, għal kuntrarju tax-xogħol fuq l-art. Is-Surġent tenna li fuq il-baħar l-A.L.E. fost oħrajn tara li dawk li jkunu qed jipprattikaw sports fuq il-baħar ikunu konformi mal-liġi, u tiċċekja li l-inġenji tal-baħar ikunu rreġistrati u lliċenzjati. Fuq dan l-aħħar punt ix-xogħol ta' l-A.L.E. qed jagħti l-frott għax tul dawn l-aħħar tlieta-erba' snin ħafna sidien bdew jirreġistraw id-dgħajjes tagħhom, fejn qabel ma kinux.

Din l-iskwadra tiċċekja wkoll l-laneċ li jġorru t-turisti, tiċċekja rimi llegali ta'



It-tberik ta' tlieta minn ħames vetturi off-road li jintużaw mill-A.L.E.




exotique

Valletta
Energy Complex
tel: 2124 1349
City Gate Arcade
tel: 2123 7067

Hamrun
97 High Street
tel: 2122 4605

Gudja
Malta International Airport
tel: 2167 3163

Balzan
Dolphin Centre
tel: 2144 6159

Sliema Complex
Manwel Dimech Street
tel: 2133 1775

St Julians
Baystreet Tourist Complex
(Open 7 days / 10am to 10pm)
tel: 2372 1600

Victoria, Gozo
Arkadia Complex
tel: 2155 8333

www.exotique.com.mt



# Estate & Turnkey Contractors

From traditional farmhouses, ultra modern chic apartments, Villas, Penthouses, House of Grace will design, convert and create your dream house.

HOUSE of Grace®

2nd Floor Exotique, 379, MANWEL DIMECH STREET, SLIEMA
**Tel.** 2133 0848 | **Fax:** 2133 1681 | **Mob:** 7949 8630
**Email:** info@grace.com.mt | **Website:** www.grace.com.mt
Overseas clients can visit our website on **www.timesonline.co.uk**





RANDOLPH CAMILLERI SURVEYS LIMITED
LAND & ENGINEERING SURVEYORS

Sky Apartments, Block C, Flat 13, Marina Sea Front, Pieta MSD08,
Tel: 21250658, 21237914 Mob: 99435543,
Fax: 21251040
email: info@rcsmalta.com
website: www.rcsmalta.com

- Land & Engineering Surveys
- Volumetric Surveys
- Measured Building Surveys
- Boundry Disputes
- Control Surveys
- Close-Range Photogrammetry
- Photo Rectification
- Hydrographic Surveys
- Quantity Surveying


bat
Rigid Inflatable Boats
Garcia De Toledo Street St. Paul's Bay.
Tel: 21 580250 Fax: 21 570599.
Mob: 9940 3980, 9949 0729.
Sizes available
5.1mtr/5.6mtr/6.8mtr/7.45mtr


VERA
PRICE, QUALITY and CONVENIENCE
Vernon's Distribution,
Dragonara Stores,
Industrial Estate, Mriehel QRM 09.
Trade Enquiries: 21 448 806/7.
E-mail: info@vernons.com.mt
400g - 26c Recommended price
200g - 19c Recommended price
VERA KUNSERVA


G&P BORG LTD.
BUILDING & CIVIL ENGINEERING CONTRACTORS
CONCRETE & HOLLOW CONCRETE BLOCKS SUPPLIERS
CONSCARM, TRIQ TAL-IBRAG, TAL-IBRAG STJ 03 - MALTA
TEL: 21374179, 21376961, 21382028, 21382034 • FAX: 21381971 • MOBILE: 9949 7622, 9947 8521
Building Sites
Blok A Brik Hollow Concrete Bricks Plant
Building Sites
Blok a Brik Bricks
RMC and Concrete Pump

żejt minn vapuri u ħidma kontra sajd illegali per eżempju dak bl-użu tal-bombi, fejn dan jagħmel ħsara kbira fuq l-ambjent ta' taħt il-baħar. Issir ukoll sorveljanza ta' riservi naturali kemm minn fuq l-art kif ukoll minn fuq il-baħar. Is-Surġent ikkonkluda billi qal li Korp tal-Pulizija huwa korp wieħed, fejn kulħadd għandu jaħdem għal għan wieħed, jiġifieri biex tiġi ppreservata l-liġi. Il-membri kollha għandom jaħdmu id f'id u jagħtu l-assistenza lil xulxin.

Il-Kuntistabbli Micallef li ilu disa' snin stazzjonat fl-A.L.E. u b'kollox sbatax-il sena fil-Korp qal li x-xogħol fl-A.L.E. għalih fil-bidu kien xogħol differenti għal kollox u ta' sfida peress li qabel kien stazzjonat l-*Immigration*. Huwa zied jgħid li x-xogħol fl-A.L.E. huwa nteressanti ħafna u li fih jiltaqgħu ma' tipi differenti ta' nies bħal m'huma s-sidien ta' barrieri, xufiera ta' trakkijiet, kaċċaturi, nassaba, sidien tal-ħwienet, *hawkers* u ħafna tipi oħra ta' xogħolijiet. Il-Kuntistabbli Micallef li xogħlu huwa kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar jiftakar b'mod speċjali l-ewwel darba li kien xogħol fuq il-baħar li nzerta dak in-nhar kien imqalleb




Membri ta' A.L.E. waqt il-ħidma tagħhom fuq il-baħar.

mhuz ħażin. Għalih ix-xogħol fuq il-baħar kienet sfida oħra ġdida li rnexxielu jelibha sew. Huwa xtaq jikkonkludi billi jibgħat messaġġ lill-membri kollha ta' l-iskwadra biex ma jaqtgħux qalbhom meta jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet diffiċli u forsi anke meta x-xogħol ikun ta' strapazz, per eżempju meta jkunu fuq il-baħar u t-temp ikun kontrihom. Fil-fatt dan il-punt stajt ninutah ukoll waqt il-ftit minuti li qattajna mal-membri ta' l-A.L.E. fuq il-baħar waqt il-preparament ta' dan l-artiklu għax għalkemm ix-xogħol tal-Pulizija inġenerali jrid ikompli f'kull tip ta' temp - xemx, xita, sħana jew riħ, apparti dawn il-membri ta' l-A.L.E. li jkunu fuq il-baħar jridu jħabbtuha ukoll mal-qawwa tal-baħar. Il-Kuntistabbli Micallef sostna li kull meta ħadmu bħala grupp dejjem rnexxew u jitnaqqas ukoll iċ-ċans li xi ħadd weġġa'.




Spjegazzjoni fil-qosor tax-xogħol ta' l-A.L.E. fuq il-baħar

Intant biex nikkonkludu dan l-artiklu, l-Ispettur Miruzzi għoġbu jagħtina ftit punti dwar r-regolarmenti tal-baħar li jistgħu jservu ta' għajnuna kemm għal kull membru tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll għall-pubbliku inġenerali:

- L-infurzar tal-liġijiet marittimi għandu jsir kemm minn fuq l-art kif ukoll minn fuq il-baħar.
- Waħda mill-għodod li għandha l- Pulizija biex tinforza r-regolarmenti hija l-Avviz Legali 129 ta' l-2001 jew kif inhuma magħrufin komunament r-regolarmenti ta' l-2001 dwar Bastimenti Zgħar.
- Bastiment zgħir tfisser biċċa tal-baħar li ma tkunx itwal minn 24 metru u li unikament tintuża' għan-navigazzjoni fl-ibħra Maltin.
- Kull bastiment zgħir irid ikun reġistrat ma' l-Awtorita' Marittima ta' Malta kif ukoll ikun koperta b'polza ta' assigurazzjoni adegwata.
- Dgħajjes tal-pass ikollhom numru u l- ittra 'P'.
- Speedboats u opri oħra tal-baħar bħal ngħidu aħna *jet skis* ikollhom l- ittra 'S' u n- numru. L-ittri u n-numri għandhom jitwaħħlu fi żmien 30 ġurnata mid-data ta' reġistrazzjoni.
- Wieħed għandu jsuq opra tal- baħar b'mhux aktar minn 10 *knots* (18-il kilometru fis-siegħa) fil-portijiet jew f'distanza anqas minn 300 mitt metru minn xtajta ramlija jew 200 metru minn kwalunkwe tip ta' kosta oħra.
- Min isuq opri tal-baħar b'mutur ta' 100 *hp* jew aktar irid ikollu liċenzja maħruġa mill-Awtorita' Marittima Maltija. Din il-liċenzja tinħareġ wara li wieħed ikun attenda kors bażiku l-MCAST. Eċċezjoni għal din ir-regola teżisti f'każ li wieħed jikri opra tal-baħar ta' dan it-tip, pero' min jagħmel il-kirja huwa obbligat li jispjega r- regolamenti lis-sewwieq.
- Biex tiġbed persuna li tkun qed tiskija persuna irid ikollha persuna oħra magħha ta' 'l fuq minn 18-il sena li għandha toqħod għassa l- ħin kollu fuq min ikun qed jiskija u tosservah.
- Sid ta' *speedboat* għandu, meta jkun mitlub, jagħti tagħrif lil kull uffċjal tal-Pulizija sabiex tiġi stabbilita l-identita' tal-persuna li tkun jew kienet qed issuq *speedboat* f'xi ħin partikolari.
- F'żona riservata għall-għawwiema ħadd ma jista' jidħol b'opra tal-baħar, inkluż *wind surfers, acqua scooters u surfboards.*
- Multa li ma taqbisx il-Lm5,000 u/jew ħabs li ma jeċċedix sena. F'każ ta' reat kontinwat Lm500 għal kull ġurnata li tgħaddi.


JOKERS
Interactive Fun for All the Family!
@ BAY STREET - St Julians
@ EMPIRE CINEMA - Bugibba


Art, Culture,
Good Food & Wine Can Meet
...its not a myth
Art Exhibitions
all year Round...
The Barumbara will be open from Friday till Sunday as of mid September 19:30hrs till 23:30hrs and Sunday till 23:00hrs.
Arriving by Ship? Reserve your table by calling on Tel: 21 560455/7.
Transport available to & from harbor free-of-charge.
L-IMĠARR HOTEL
DELUXE
Barumbara
ART CAFE
IL-BARUMBARA ART CAFE', L-IMGARR
TUMAS GROUP


To enjoy with friends!
SINCE 1964
Comforto
a fine tasting coffee enjoyed by the Maltese for the last 39 years
Savour its unique taste
Trade Enquiries: Joseph Borg Ltd. Tel: 2123 2261/2, 2123 7236



PS 772 D. Aguis
Sezzjoni Ktieb

# 'Rekluti' Ġodda fit-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija



**Nero** huwa kelb tar-razza Rottweiller li twieled fit-30 ta' Novembru, 2002. Illum Nero għandu sena u disa' xhur. Dan il-kelb ġie rregalat minn Saviour Baldacchino li huwa wkoll Kuntistabbli tal-Pulizija. Bħala handler Nero għandu lil Kuntistabbli 588 Peter Camilleri u huwa ttrenjat għal kontra l-kriminal. Nero ddebutta wkoll fid-displays li saru dan l-aħħar biex jitfakkar il-190 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.



**Duke** huwa kelb tar-razza Labrador Retriever u għandu sena u seba' xhur. Duke ġie mgħoti lil Pulizija mis-Sur Barbara li joqgħod il-Ħamrun. Duke ġie ttrenjat mill-Kuntistabbli 1481 Frans Muscat għat-tiftiex ta' armi tan-nar u splussiv. Duke intuża' għal diversi tfittxijiet f'postijiet fejn kellhom isiru attivitajiet konessi ma żjarat ta' V.I.P. flimkien mat-Taqsima ta' l-E.O.D. tal-Forzi Armati ta' Malta. Duke iddebutta wkoll fid-displays ta' Lulju fl-Okkazzjoni tal-190 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.



**Onyx** għandu sentejn u nofs u huwa tar-razza German Shephard. Onyx ġie mgħoti lil Korp tal-Pulizija mis-Sur James Rause u huwa trenjat fit-tiftiex tad-droga. Huwa ġie ttrenjat mill-Kuntistabbli 408 Lino Borg fejn diġa' kien involut f'diversi tfittxijiet li saru mit-Taqsima tad-Droga u xi xogħol ieħor koness ġewwa l-ajruport ta' Malta. Onyx iddebutta wkoll fid-displays li saru f'Lulju fl-okkazzjoni tal-190 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.




GRAND HARBOUR MARINA
* MALTA
A BACKDROP WITH A FANTASTIC FEELING OF BEING IN A VERY SPECIAL PLACE!
GRAND HARBOUR MARINA LTD.
THE CAPITANERIE, VITTORIOSA WHARF, VITTORIOSA CSP 09, MALTA.
Tel: (+356) 21 800 700.
Fax: (+356) 21 800 900.
E-Mail: mail@ghm.com.mt
www.cnmarinas.com
In association with
Camper & Nicholsons
YACHTING SINCE 1782
MARINAS


FLUTISAT
Naxxar Road, San Gwann Tel: 21386839 Fax: 21386822
email: flutisat@maltanet.net www.flutisatmalta.com
Taquilla Channels & Sky Italia
Now Available From Flutisat.
NEW
KnotCard


Est. 1931
LAMB BRAND
www.natureline.net
www.ccini.com
Tel: 2144 4324

# Uffiċini Ġodda fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija




Bħala parti mill-immodernazzjoni fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u biex l-amministrazzjoni tkun ikkonċentrata taħt saqaf wieħed, f'Lulju ta' din is-sena sar xogħol strutturali kbir f'dak li ħafna kienu jsibuh bħala l-kuridur tal-Personnel.

Ix-xogħol kollu f'dan il-kuridur sar minn nies mis-Sezzjoni tas-Snajja fi ħdan il-korp fejn ħadmu bla hedda mill-aħħar ta' Mejju biex l-istess xogħol ikun lest għal dik il-ġimgħa li l-Pulizija kellha tiċċellebra il-190 sena mit-twaqqif tagħha.



Dan il-kuridur ra fih tibdil sostanzjali, fejn qabel wieħed kien isib l-uffiċini kollha fuq in-naħa tal-lemin bi tliet twieqi jikkumplimentaw lil istess uffiċini. Issa, l-istess uffiċini nqasmu biex idaħħlu uffiċini oħra waqt li nbnew oħrajn, biex b'kollox sar hawn 9 uffiċini.

Kif wieħed jaqbeż il-kanċell tal-ħadid isib reception area fejn fiha tilqa' lil pubbliku li jkun qed jistenna biex ikellem lil xi wieħed mill-uffiċjali li jkollu appuntament miegħu.

L-uffiċini l-ġodda jkopru dak ta' l-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi u s-Supretendent Ronald Kelly, li huma nkarigati mid-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni. Insibu wkoll l-uffiċini ta' l-Ispettur Mario Spiteri li huwa nkarigat



mill-Strateġija u Pjanar, l-Ispettur Simon Galea li huwa nkarigat mir-Riżorsi Umani tal-Pulizija, l-Ispettur Marthese Micallef li hija nkarigata mill-E.U. Office, u l-Ispettur Kenneth Haber li huwa nkarigat mill-Affarijiet Interni u C.M.R.U. tal-Korp tal-Pulizija.

Insibu wkoll l-uffiċini tar-Riżorsi Umani, kif ukoll dak tas-C.M.R.U.


Bringing traditional, high quality olive oil right to your table!
PRODUCT OF SPAIN
LA MASIA
EXTRA VIRGIN OLIVE OIL
ACEITE DE OLIVA VIRGEN EXTRA
NET CONT. / CONT. NETO 17 OZ. (500 ml) e
LA MASIA
Available in 250ml - 500ml - 750ml bottles
34759 - 08/04
Imported and distributed by Vadala Company Limited
Tel: 2144 9592, 2144 9266 E-mail: sales@vadalacoltd.com


PERNIGOTTI
TRADE ENQUIRIES
REDOCTOBER LIMITED
IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF CONFECTIONERY
P O BOX 3, QORMI QRM 01, MALTA
TEL: +356 21470400 / 500 / 600 / 700
FAX: +356 21499222
E-mail: carlosc@onvol.net
E-mail: redoct@maltanet.net


DEVON
MORNING COFFEE
Semi Sweet Biscuits
DEVON
250g e
Improved Recipe
Digestive
Wheatmeal Biscuits
DEVON
Cream Crackers
The ideal snack
DEVON
NATURALLY YOURS

# Meta jibki l-Korp



Supt. R. G. Zammit
Sezzjoni Traffiku

Il-ħsieb li nikteb u nipubblika l-ktieb *Meta Jibki l-Korp* ma kienx sempliċiment ħsieb ta' furja jew biex sempliċiment wieħed jgħid li kiteb ktieb. Kienu d-dover u l-imħabba kbira li għandi għall-istorja tal-Korp tal-Pulizija, fuq kollox b'rabta ma' dak kollu li seta' seħħ fl-imgħoddi, li għeni nagħmel dan. Nemmen li l-kontenut jiġbor fih xogħol interessanti li joffri riflessjonijiet fuq diversi episodji mill-ħajja ta' kuljum fi ħdan il-Korp, fejn minħabba n-natura tax-xogħol pulizjesk ikollok iduq l-imrar tal-ħajja, jew aħjar, dak li d-destin kiefer ikun ħejja għal xi wħud mill-membri tiegħu.

Qabel kollox tajjeb li wieħed jieqaf u jagħmel xi riflessjonijiet fuq l-istess Korp, fejn ta' nteress u ta' mportanza kbira wieħed irid iżomm ħaj quddiem għajnejh li l-istorja tal-Korp tal-Pulizija hija minsuġa fuq sisien ta' episodji glorjużi, oħrajn dolorużi. Dawn l-episodji ġew minquxa matul il-mixja twila ta' 190 sena sħaħ li l-Korp għadu kif iċċelebra proprju fit-12 ta' Lulju, 2004. B'hekk, ilkoll kemm aħna għandna nkunu kburin li nagħmlu jew konna nagħmlu parti minn wieħed mill-eqdem korpi pulizjeski fl-Ewropa.

Kien għalhekk li matul dan il-perjodu insibu ġrajjiet marbuta ma diversi suċċessi kemm fuq kriminalita', kif ukoll dawk oħra marbuta ma' żminijiet ferm diffċli għal pajjiżna bħal ġlieda kontra l-epidemija tal-pesta (1813), l-irvellijiet tas-sena 1919 u dawk li seħħew fl-1958, flimkien ma' perjodu twil taż-żewġ gwerer dinjiji 1910 - 1942. Kien matul dawn iż-żminijiet hekk diffiċli li l-Korp ta' kontribut qawwi lejn in-nazzjon f'kull rokna tal-gżejjer Maltin.

Iżda ma' dawn is-suċċessi hemm ukoll dawk l-episodji traġiċi fejn sfortunatament mhux biss ħallew diversi membi tal-Korp vittmi, kultant f'ċirkostanzi misterjużi, iżda ħallew warajhom nisa romol, tfal iltiema, fuq kollox ħallew dieqa kbira fuq il-Korp kollu. Dawn il-membri mibkija llum huma tifkiriet biss ta' l-imgħoddi.

Il-ktieb *Meta Jibki l-Korp* ma jiġborx fih biss dawk il-fatti diġa ppubblikati, iżda episodji oħra ġodda, fejn b'għożża u sodisfazzjon kbir għalija, huma mżewwqa b'diversi ntervisti diretti ma' familjari tal-vittmi konċernati. Nametti li ma kien xejn faċli għalija li nħabbat u nidħol fi djar ta' dawk il-familji milquta, speċjalment dawk li jolqtu diżgrazzji riċenti, fejn il-ferita għadha miftuħa beraħ. Dawk imgħoddija, il-ferita għadha tnixxi bil-mod sakemm iktar snin igerbu minn generazzjoni għal oħra, sakemm l-istess ferita bħal ftila tax-xema tispiċċa u ddub għal kollox.

Ħsieb u obbligu ieħor li ħassejt biex nikteb dan il-ktieb kien ħsieb sempliċi ħafna, dak li fl-okkażjoni tal-190 sena mit-twaqqif tal-Korp, dawn ħutna mhux biss jiġu mfakkra iżda bħal ma aħna lkoll ninġabru flimkien f'din l-okkażjoni, hekk ħassejt li jkun xieraq ukoll li dawn l-episodji jiġu miġbura fi ktejjeb. Fuq kollox, dawn l-eroj tal-Korp taw l-istess Korp u lis-soċjeta' kollha l-iktar ħaġa prezjuza li kellhom - il-ħajja. Warajhom ħallew vojt li ma ntela' qatt. Il-ktieb jofri wkoll messaġġi sinċiera li ġejjin minn qlub imnikta, messaġġi diretti lejn il-kriminali, oħrajn lejn is-soċjeta' nġenerali. Iżda messaġġi li jolqtu ħafna huma dawk indirizzati lejn il-Korp inġenerali, fejn dawk milquta lkoll stqarrew li għalkemm kellhom iġarbu dulur wisq kbir, xorta huma baqgħu grati ħafna lejn il-membri tal-Korp. Il-preżenza ta' l-uniformi tkun fejn tkun iħossuha d-dell ta' l-għeżież tagħhom.

Għalhekk tajjeb li kull membru tal-Korp jiddedika ftit ħin u jaqra dan il-ktieb. Dawk il-membri anzjani għandhom inisslu fihom riflessjonijiet li żgur li jwassluhom biex jagħmlu jdejhom ma' wiċċhom u jgħidu grazzi lil Alla ta' kemm skanshom minn disgrazzji. Dawk il-membri ġodda għandhom jidħlu iktar fid-dinja pulizjeska u jżommu ftit spazzju għall-istorja tal-Korp, li fuq kollox illum jagħmlu parti minn din il-familja hekk kbira bi storja glorjuża. Fl-għeluq tal-ktieb tfajt ir-riflessjonijiet tiegħi għal qtil brutali tal-gwardjan lokali Għawdxija - Fortunata Spiteri. Ħassejt li dan il-korp ukoll beda jduq mill-istess imrar bħal dak li daq il-Korp tal-Pulizija. J'Alla ma jkollniex iżjed episodji minn dawn x'nippubblikaw.

Biex wettaqt dan ix-xogħol kelli bżonn diversi għajnuniet minn għand diveri persuni. B'hekk il-lista ta' ringrazzjamenti hi wisq twila, u allura mhux ser noqgħod ngħid grazzi ndividwalment, għax nista' ninsa lil xi ħadd.




STOLTZ
6 MTH
18 V
14.4 V
Lm22.90
Lm18.90
FOR THE LADIES
MAGNIFIES X5
Lm18.90
JIG SAW
65mm - 600W
Variable Speed
STOLTZ
6 MTH
Lm15.90
Parish Priest
Mifsud Street,
Hamrun.
Tel: 21 232943
21 233177
WJA distributors
BISCUIT JOINTER
100mm
800W
11,000RPM
6 MTH
Lm35.90
TOOLBOXES
335mm Lm3.75
400mm Lm4.75
486mm Lm7.50
600mm Lm11.50
chairs starting
Lm18.90
COMPUTER TABLES
Lm16.90
POWER WASHERS
6 MTH
TURBO GUN
Lm44.90


Tasty & Fresh
since 1946
Golden Harvest Manufacturing company has been around since 1946. Originally starting off as a small baking company, Golden Harvest has extended their product portfolio by branching off into confectionery and ice cream manufacturing over the past 20 years. Golden Harvest Manufacturing supply a various number of products to both the HORECA trade as well as the retail sector. The latest addition to the Golden Harvest family is their new range of Health products.
ALASKA ICE CREAM
SINCE 1946
Golden Harvest
THE PEOPLE WHO BAKE TASTY & FRESH
Turu Colombo Sq. Gzira, Malta Tel: 21 332391 - 21 334382, Fax: 21 310044
Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd. is a proud member of the American Society of Baking


BALLUT BLOCKS LTD.
CONCRETE
PRODUCTS
AND
PLANT HIRE
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar Tel: 21 573093, 21 572666 Fax: 21 575562



PS 200 B. Calleja
Seaport

# Riċerka dwar jekk membru fil-Korp tal-Pulizija għandux jirtira wara 25 sena servizz

Il-ħajja tal-bniedem tgħaddi minn diversi żvillupi biopsikosoċjali (saħħa, xjuħija, mard ecc.), psikoloġija (emozzjonijiet, nostalġija u inċertezzi) u dawk soċjali (trobbija tat-tfal, promozzjonijiet, irtirar bil-pensjoni jew le ecc.).

Dan l-artiklu ser jiffoka fuq riċerka li saret fuq membri tal-Korp tal-Pulizija fuq il-fatturi li jinfluwenzaw il-parteċipanti joħorġux bil-pensjoni jew le. Din ir-riċerka saret bħala parti mill-istudji tiegħi għall-kors Universitarju tal-B.Psy. (Hons.).

Ħaġa interessanti li ħarġet f'dan ir-rigward kienet li l-ewwel ċittadini li kienu pensjonabbli f'Malta kienu l-Pulizija, u dan b'forma ta' snin imnaqqsa skond l-Ordinanza IX 1885, li kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 3103 ta' nhar l-Erbgħa 21 ta' Ottubru, 1885, li tippartjeni numru ta' riformi nkluża l-irtirar kmieni mill-Korp (Artiklu 13, sub artikli 1-3).

Minħabba l-limitu ta' spazju, ser nipprova nagħti rendikont ta' x'metodoloġija ntużat, f'hiex kienet tikkonsisti r-riċerka, u l-aktar importanti x'kien ir-riżultat.

Peress li din ir-ri`ċerka saret bl-ingliż, għal fini ta' dan l-artiklu ħafna mit-termini tħallew f'din il-lingwa sabiex ma jintilef xejn mis-sinifikat tagħhom.

**Metodoloġija**

In-numru globali tal-partiċipanti eliġibli għal din ir-riċerka kien ta' 370 persuna, li kienet magħmula minn dawk il-membri li għalqu għoxrin sena servizz jew aktar u li għadhom iservu fil-Korp.

Il-parteċipanti f'dan il-kampjun kien jammonta għall-20.84% ta' l-istrength totali tal-Korp f'Diċembru, 2003. Ir-riċerka kienet waħda kwantitativa u għalhekk ġie użat kwestjonarju. Ta' sodisfazzjon kienet ir-rata ta' – 224 partiċipant, jigifieri 60.54% ta' 370. Ta' min wieħed jinota li l-anonimita' u l-kunfidenzjalita' ta' kull parteċipant ġiet rispettata, billi ntużaw kategoriji tar-rankijiet, etajiet, ecc.

**X'kienet tikkonsisti r-riċerka**

Ir-riċerka kienet imsawra madwar dawk il-fatturi l-aktar jinfluwenzaw il-membri jekk jitilqux jew jibqgħux fil-Korp malli jgħalqu l-25 sena servizz jew aktar.

**Fil-fatt il-ħames fatturi kienu:**

1. attachment psikoloġika mal-korp;
2. is-sodisfazzjon fuq il-lant tax-xogħol;
3. kif wieħed/waħda iħares/tħares lejn l-irtirar mill-korp;
4. il-wellbeing psikoloġiku tal-persuna;
5. kif iħossuhom fi stress.

Ir-riċerka kienet analizzata fuq żewġ binarji: dik ta' construct level, jiġifieri bil-fatturi imkejla bejniethom u l-item level, jiġifieri tal-fatturi individwali.

**Riżultati: *construct level***

Din l-analiżi kienet maqsuma f'erba' miżuri: correlation, regression, t-tests u ANOVAs. Hawnhekk ħareġ li:

**1.** iktar ma hu twil is-servizz, inqas l-effetti ta' l-irtirar bil-pensjoni jinħassu fuq il-persuna;
**2.** ikbar ma hi r-rabta (il-livell ta' konformita' u identifikazzjoni mal-Korp) mal-Korp, inqas huma l-effetti ta' l-irtirar bil-pensjoni u inqas ir-rabta mal-Korp, aktar huma l-effetti ta' l-irtirar bil-pensjoni jinħassu fuq il-persuna;
**3.** akbar ir-rabta (jgħaddu l-esperjenza lir-rekluti, humiex ifittxu xogħol ieħor, ecc), aktar l-effetti ta' l-irtirar bil-pensjoni jinħassu fuq il-persuna;
4. akbar ma hi l-kuntentizza fuq ix-xogħol (job satisfaction), akbar l-effetti ta' l-irtirar bil-pensjoni jinħassu fuq il-persuna.
5. ma kienx hemm differenzi bejn il-kategoriji tar-rank, tul ta' servizz, stazzjonar, eta', status civili, livell ta' edukazzjoni u tul ta' servizz fir-rank preżenti ta' kif il-membri jiġu affettwati bl-irtirar għall-pensjoni.

**Rizultati: *item level***

Dawn li ġejjien huma ftit mir-raġunijiet li l-parteċipanti stqarrew li jġiegħlhom jiddeċiedu li joħorġu bil-pensjoni. Flimkien nistgħu nagħmlu d-deċiżjoni li toħroġx bil-pensjoni għażla vera u mhux ħarba jew ħelsien mix-xogħol tal-pulizija jew mill-Korp tal-Pulizija per se.

**Rabta mal-Korp u sodisfazzjon fuq ix-xogħol**

Globalment, il-parteċipanti jħossuhom mhux biss parti mill-Korp iżda daqs li kieku l-Korp huwa tagħhom - dak li hu tal-Korp jiġi parti interna mill-persuna. Dan huwa rif-less fil-livell ta' konformita' u identifikazzjoni mal-Korp. 35.7% jħossuhom il-kontra ta' dan kollu.

Ta' min jingħadd li 39.9% mill-parteċipanti stqarrew li jekk kellhom jitwieldu mill-ġdid jerġgħu jidħlu fil-Korp. Interessanti huwa l-fatt li 128 parteċipant stqarrew li kieku wara li jirtiraw bil-pensjoni jaċċettaw li jiġu mpjegati f'sezzjonijiet non-eżekuttivi tal-korp waqt li 129 jaċċettaw li jkunu re-impjegati bħala mentors, (konsulenti esperti fix-xogħol pulizjesk), pożizzjoni li kieku tagħmel differenza kbira u pożittiva fit-titjieb tal-Korp.

Apparti mentoring, l-ex-membri jistgħu jgħaddu l-esperjenza tagħhom f'oqsma bħal tagħlim lir-reklutaġġ fi ħdan il-Korp, jattendu skejjel fejn ikunu jistgħu jagħtu stampa aktar ċara ta' x'inhu x-xogħol vera tal-Pulizija.

Servizz utli ieħor li jistgħu jagħu l-pulizija pensjonanti huwa li jedukaw ukoll lil adulti b'permezz ta' laqgħat li jsiru per eżempju fil-Kunsilli Lokali u entitajiet oħra biex b'hekk l-edukazzjoni tilħaq kull eta' possibbli.

***Wellbeing***

Kien hemm parteċipanti li kultant jew ftit iżjed minn kultant esperjenzjaw mumenti emozzjonali pożittivi u negattivi minħabba x-xogħol pulizjesk. Li kultant tħoss dawn l-effetti negattivi hija xi ħaġa tajba, iżda li kultant biss tħoss l-effetti pożittivi ma tantx tawgura tajjeb 'l ħadd. Ir-rispons kien:


Purina
PROPLAN
Purina.
PRO PLAN
CHICKEN & RICE
ADULT
Special Discounts
will be given on presentation of this advert
when purchasing Purina Pro-Plan products from
PAOLO BONNICI LTD.
Tel: 2123 9363 Fax: 2123 3611 E-mail: sales@pbonnici.com
AVAILABLE FROM ALL LEADING PET SHOPS


APS bank
THE BANK YOU WANT US TO BE
www.apsbank.com.mt


RAUSI
INSURANCE AGENCY LIMITED
Lloyd's Correspondent, Agents & Attorneys for the Prudential Assurance Co. Ltd.
OUR NAME IS YOUR GUARANTEE
SOME CLASSES OF INSURANCE TRANSACTED:
Motor · Household · Travel · Personal Accident Fire & Special Perils · Theft · Industrial all Risks Hoteliers all Risks Consequential Loss · All Risks-Personal Effects · Money · Plate Glass · Goods in Transit · Employer's Liability · Public Liability Engineering Works · Electronic Equipment Marine Cargo Yachts and Motor Boats
RAUSI INSURANCE AGENCY LIMITED
RAUSI INSURANCE AGENCY LIMITED
G.B. BUILDINGS, 28, TRIQ IL-WATAR, TA' XBIEX
(corner with Abate Rigord Street & above Opel Showroom)
Tel: 2133 0790, 2133 0810, 2133 0815,
2133 0821, 2133 0826 Fax: 2133 0792 Email: info@rausinsurance.com.mt Website: www.rausinsurance.com.mt

Kemm il-*wellbeing* pożittiv kif ukoll dak negattiv fil-Korp huma baxxi. L-organizzazzjoni tal-pulizija għandha tindirizza din il-problema bħala waħda primarja u tistħarreġ dwar x'inhuma l-kawżi ta' dan ir-riżultat komuni fost il-parteċipanti, li għandhom livell baxx ta' *wellbeing* pożittiv bil-għan li jgħola l-moral fil-Korp. Meta jkollok pulizija anzjani b'moral relattivament baxx jinfluwenzaw fin-negattiv lill-ġenerazzjonijiet iżgħar. Jista' jkun li l-livell baxx tal-wellbeing esperjenzjat fil-korp huwa r-raġuni li ħafna mill-membri jaqtgħu qalb uliedhom milli jsiru pulizija. Cauchi (1996) sabet li 12% biss ingaġġaw fil-Korp fuq tradizzjoni tal-familja. Hija din ir-raġuni għaliex il-maġġoranza tal-membri jirriżenjaw hekk kif jagħlqu l-25 sena servizz (jew ftit iżjed)? Għalkemm xejn ma jista' jiġi eskluż, hi x'hini r-raġuni, huwa iktar aħjar li din il-problema tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun.

***Perceived Stress***

Jirriżulta li ċerti sitwazzjonijiet stressanti huwa wieħed mill-*issues* li għadhom pendenti fil-Korp tal-Pulizija tagħna. Minn studji oħra lokali fuq il-Pulizija ta' Malta (Cauchi, 1996, 1999, 2002; Cordina, 1999) għal kważi għaxar snin sħaħ, ħafna mis-sitwazzjonijiet li huma stressanti ħafna f'xogħolna, għadhom jeżistu. Il-fatt li l-Korp huwa entita' ħajja, il-viżjoni ta' kull min hu kkonċernat għandha tkun li tagħmel il-Korp tal-Pulizija post ħafna aħjar fejn il-membri kollha jagħmlu l-ħidma tagħhom b'mod mill-aktar san. Huwa mpossibli li jkollok organizzazzjoni 100% perfetta, iżda li jiġu rranġati dawk il-kundizzjonijiet li għandhom jinbidlu tagħmel id-differenza kollha.

Jirriżulta' li l-ewwel 10 kundizzjonijiet stressanti huma li ***ċċempell għall-għassa kuljum, nuqqas ta' personnel, mismanagement f'ċertu sezzjonijiet, it-tip ta' xift, nuqqas ta' allowance għax-xogħol riskjuż, nuqqas ta' taħriġ ta' self-defence, ħafna xogħol, l-ambjent psikologiku fejn naħdem, is-sistema ta' kif nattendi l-Qorti, li naħdem waħdi u mhux f'pari.*** Fejn tidħol l-għassa, ix-xift u s-sistema ta' attendenza fil-Qorti jikkrejaw diffikultajiet ta' ppjanar bil-quddiem għall-parteċipanti. Dan ir-riżultat huwa konsistenti ma' dak li sabu Cauchi (1996) u Cordina (1999), fejn separatament rriżulta l-parteċipanti tagħhom li jċemplu għall-għassa kuljum kienet sitwazzjoni mill-aktar stressanti ta' ħajjithom fil-korp – u dan ftit inqas minn 10 snin ilu! Ta' min wieħed jirrikomanda li l-pulizija lokali għandhom jiġu mħaddma xift aktar uman, li jippermetti mhux biss it-tgawdija tal-ħajja normali tal-familja, iżda wkoll li l-membri jippjanaw dan minn qabel. Jekk dan m'huwiex dejjem possibli, għandha tiġi ntrodotta sistema ta' kumpens – *disturbance allowance* – għal kull rank, li tista' tikkompensa dik id-darba jew tnejn disturbazzjoni tar-*roster*. Huwa f'loku li l-membri jitħallsu ukoll *danger allowance u location allowances* jekk huma stazzjonati f'postijiet aktar perikolużi jew fejn hemm ħafna aktar xogħol minn postijiet oħra. Dan ix-xift ukoll għandu jinkludi mill-inqas sitt siegħat fil-ġimgħa *self-defense* training biex jgħin lill-membri jgħelbu l-istress. Pajjiżi demokratiċi fejn ir-rata ta' kriminalita' hija ferm akbar irnexxilhom jagħmlu dan.

Dan l-istudju juri wkoll li jeżisti mismanagement f'ċerti setturi li qiegħed jikkawża stress fuq il-maġġoranza assoluta tal-parteċipanti, li qegħdin jitkellmu mill-esperjenza twila tagħhom. Dawk kollha li jixtiequ jsiru pulizija għandhom jiġu assessjati għall-abbilta' tagħhom, b'permezz ta' testijiet stabiliti u professjonali fosthom l-*intelligence,* u *personality tests* speċjalment meta membri jaspiraw biex jilħqu fil-Korp.

Rigward li l-ambjent psikoloġiku huwa stressanti fil-Pulizija jista' jkun kaġun minn ħafna fatturi relatati. Forsi minħabba dawn li spjegajna diġa, jew minħabba fatturi oħra. Il-fatt li l-membri l-biċċa l-kbira jaħdmu d-duty waħedhom u mhux tnejn, tnejn jimilleti r-raġuni li l-parteċipanti jqisu dan huwa n-nuqqas ta' personnel fil-Korp bħala stressanti. Huwa mpossibli li f'dan il-qosor nitkellem fuq l-*istressors* kollha u nagħti rakkommandazzjoni fuqhom, pero, ilkoll nistgħu nobsru x'tista tkun is-soluzzjoni tagħhom.

Cordina (1999) sab li l-parteċipanti tiegħu jikkombattu l-istress billi jirrilassaw wara ġurnata xogħol, jew jinvolvu ruħhom mal-familja jew mal-ħbieb. Numru ta' parteċipanti urew li jużaw

| Deskrizzjoni tas-sitwazzjonijiet stressanti | 1 *f*/% | 2 *f*/% | 3 *f*/% | 4 *f*/% | 5*f*/% | Raking ta' rating scale 5 | Missing *f*/% |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Li ncempel ghall-ghassa kuljum | 50/22.3 | 15/6.6 | 12/5.4 | 16/7.1 | 115/51.3 | 1 | 16/7.1 |
| Nuqqas ta' personnel | 23/10.3 | 12/5.4 | 30/13.4 | 34/15.2 | 110/49.1 | 2 | 15/6.7 |
| Mismanagement f'certu sezzjonijiet | 16/7.1 | 13/5.8 | 29/12.9 | 40/17.9 | 108/48.2 | 3 | 18/8.0 |
| It-tip ta' xift (twil u mhux pjanat minni) | 36/16.1 | 21/9.4 | 19/8.5 | 31/13.8 | 103/46.0 | 4 | 14/6.3 |
| Nuqqas ta' allowance ghax-xoghol riskjuz | 38/17.0 | 16/7.1 | 22/9.8 | 36/16.1 | 100/44.6 | 5 | 12/5.4 |
| Nuqqas ta' tahrig ta' self-defence | 27/12.1 | 22/9.8 | 35/15.6 | 32/14.3 | 95/42.4 | 6 | 13/5.8 |
| Hafna xoghol | 22/9.8 | 20/8.9 | 41/18.3 | 30/13.4 | 91/40.6 | 7 | 20/8.9 |
| l-ambjent psikologiku fejn nahdem | 28/12.5 | 16/7.1 | 50/22.3 | 33/14.7 | 84/37.5 | 8 | 13/5.8 |
| Is-sistema ta' kif nattendi il-Qorti | 42/18.8 | 28/15.5 | 31/13.8 | 26/11.6 | 79/35.3 | 9 | 18/8.0 |
| Li nahdem wahdi u mhux f'pari | 57/25.4 | 21/9.4 | 25/11.2 | 34/15.2 | 72/32.1 | 10 | 15/6.7 |
| Li nohrog bil-pensjoni | 43/19.2 | 19/8.5 | 55/24.6 | 34/15.2 | 48/21.4 | 21 | 25/11.2 |
| Harassment psikologiku | 49/21.9 | 28/12.5 | 50/22.3 | 30/13.4 | 43/19.2 | 23 | 24/10.7 |
| Sexual harassment | 105/46.9 | 18/8.0 | 43/19.2 | 9/4.0 | 21/9.4 | 33 | 28/12.5 |

**Skala: 1**= *assulutament ma naqbilx,* **2**= *ma naqbilx,* **3**= *la naqbel u l-anqas ma naqbilx,* **4**= *naqbel,* u **5**= *assulutament naqbel.*
***f*** = numru ta' partecipanti li ghazlu hekk. % = tal-partecipanti (*modal group percentage*)

miżuri *negattivi* bħal teħied ta' kalmanti u konsumar ta' alkohol. Oħrajn jirrikorru għas-*sick leave*. Uħud stqarrew li jkunu aggressivi f'sitwazzjonijiet diffiċli jew jevitaw li jkunu nvoluti kemm suppost fuq xogħolhom. Infatti, *social loafing* jew li xi wħud ifarfaru xogħolhom, hija kundizzjoni li tikkawża 'l ħaddieħor stress konsiderevoli.

L-istress huwa komuni f'kull organizzazzjoni, imma, l-investiment finanzjarju u psikoloġiku ta' l-organizzazzjoni biex tindirizza l-istressors taxxogħol jagħmel id-differenza bejn organizzazzjoni u oħra. Dawn ir-rati għandhom iservu biex iġiegħlu l-awtoritajiet jaġġixxu minnufih qabel ma' s-sitwazzjoni tkompli tiggrava f'sitwazzjonijiet fatali.

**Konklużjoni - Kif jaħsbu li ser jaddattaw wara li joħorġu bil-pensjoni**

F'dan l-istudju, il-maġġoranza urew li l-irtirar bil-pensjoni mhuwiex ikkonsidrat bħala sitwazzjoni stressanti. Bil-maqlub, huwa okkażżjoni ta' *relief*: xi ħaġa li "iġri tasal"! Inċidentalment, fl-istudju ta' Cauchi (1999) irriżultalha li 7% tal-parteċipanti għażlu li jsiru pulizija primarjament minħabba l-iskema ta' irtirar bil-pensjoni wara 25 sena servizz. Iżda l-maġġoranza tal-parteċipanti tieghi ma kienux igawdu minn din l-iskema meta daħlu fil-pulizija. Wieħed jista' jirrifletti u jikkonkludi li l-kundizzjonijiet imsemmija, jekk jiġu rranġati, il-membri li jkunu jridu joħorġu bil-pensjoni jonqsu. L-istqarrijiet ta' dawn il-parteċipanti ta' l-esperjenza, jistgħu jkunu wkoll riflessi mill-kumplament tal-membri tal-Korp li qegħdin fl-istess ilma.

Il-maġġoranza tal-parteċipanti stqarrew li l-irtirar bil-pensjoni jaffettwa l-familja tagħhom kollha (57.1%), u 69.7% jippjanaw dan mal-partner tagħhom. Dan jindika li l-familja għad għandha influwenza fuq dawn il-parteċipanti. Għall-istqarrijia jekk ir-*retirement counsellor* tal-parteċipanti għandux ikun membru tal-Korp, irriżulta b'55 ma jaqblux assulutament, 54 la jaqblu u l-anqas ma jaqblux u 55 jaqblu assulutament. 43.8% tal-parteċipanti jaqblu li għandhom ikollhom *pre-retirement seminars* qabel joħorġu bil-pensjoni. Dan jista' jagħti l-każ li l-benefiċċji tal-*pre-retirement* seminars għad mhumiex tant popolari magħna.

Huwa ppruvat li l-*pre-retirement* seminars ineħħu ħafna inċertezzi u huma għajn ta' nformazzjoni ħolistika mhux fuq finanzi biss (il-pensjoni, investimenti, *extra income*, ecc.), iżda fuq is-saħħa medika (eżerċizzji fiżiċi, *check-ups*, dieta, patterns ġodda ta' rqad, indafa, sesswalita', ecc.); fuq aspetti psikoloġiċi (meditazzjoni, yoga, eżerċizzji relassanti, kif ikollok għan fil-ħajja, kif tiffaċċja mumenti tad-dwejjaq, kif tiffaċċja mard u mewt fil-familja jew ħbieb, ecc.); fuq il-ħajja soċjali (impjieg ġdid, kollegi ġodda, xogħol volontarjat, ħbieb ġodda, ecc.); kif tqatta' l-ħin liberu (attivitajiet eżistenti, passatempi, *outings* soċjali, aħbarjiet mill-IPA, estensjoni ta' edukazzjoni, ecc.). Dawn it-taħditiet jiġu indirizzati minn diversi esperti fuq is-suġġett.




HEDY COMPUTERS
Lm390 + Free UPS 650VA Line Interactive
AMD XP 2600+
512MB Ram DDR 400
120GB/7200RPM Hard disk
128MB FX5200 Graphics Card
52x CD-Rewriter/ 16x DVD
1.44MB Floppy drive
56K Internal Modem
PS/2 Multimedia Keyboard
PS/2 Optical Scroll Mouse
17" CRT Flat Monitor
800Watts Speakers with Subwoofer
PC Source Computer Services
PC SOURCE, 21 - 23 BIRBAL STREET,
BALZAN BZN 08
Tel: 21 487390 - Fax: 21 487301
E-mail: info@pcsource.com.mt
www.pcsource.com.mt


AZZOPARDI FISHERIES
Traditional Name for Fresh Fish & Live Shellfish
ATTARD FISH SHOP
Triq Il-Linja, H' Attard
Tel: 21 421 796
GZIRA FISH SHOP
GZIRA - Tel: 21 311 145
PESCERIA SAN GWANN
SAN GWANN - Tel: 21 377 800
AZZOPARDI FISHERIES
ST, PAUL'S BAY - Mosta Road,
Tel: 21 571 148, 21 581 109
Fax: 21 576 017
E-mail: azzopardifisheries@keyworld.net
ARCADIA
PORTOMASO
TA' L-IBRAGG
Tel: 21 382 448
ATTARD - Triq il-linja
Tel: 7905 4787


fSCHEMBRI®
HOLDINGS
SCHEMBRI & SONS LTD.
Manufacturers of Precast & prestressed
Concrete Elements & Ready-Mix suppliers
C&F BUILDING CONTRACTORS LTD
General Building & Turnkey Contractors
General Road Servicing Ltd.
General Civil and Road Building Contractors
BSI REGISTERED
UKAS
FM-73544
BSI REGISTERED
F. Schembri Holdings Ltd.
Hal Far Road, B'Bugia BBG 07
Tel: 21 658155/6 Fax: 21 658151
E-mail: info@fschembriholdings.com
Web: www.fschembriholdings.com

SALVO GRIMA

Skin Care
& Cosmetics Shop
at the Departures
Lounge,
Malta International
Airport.



NORTH POLE LTD

Airconditioners
Reverse Osmosis
SolarHeaters
Water dispensers

*Call now to check out our guaranteed low prices.*







24, Naxxar Road San Gwann SGN 02
Tel: 21 388388 Fax: 21 385858
E-mail: northpole@waldonet.net.mt



NEW PERSPECTIVES
SOUND BUSINESS VALUES






OUR NEW CORPORATE IMAGE RETAINS THE SAME NAME STYLE INTRODUCED IN THE 1960S AS A LINK TO OUR ACHIEVEMENTS IN THE PAST AND REFLECTS OUR PHILOSOPHY OF ADDRESSING CHALLENGE AND RESPONSE BY IDENTIFYING NEW BUSINESS OPPORTUNITIES.

| NEW | | SAME | |
|---|---|---|---|
| | OFFICE LOCATION | | ENTREPRENEURSHIP |
| | CORPORATE IDENTITY | | INTEGRITY |
| | BUSINESS CONCEPTS | | 75 YEARS TRADITION OF BUSINESS ENGINEERING |

Guillaumier
BUSINESS DYNAMICS

GUILLAUMIER HOLDINGS LIMITED
206, CANNON HOUSE, CANNON ROAD, STA VENERA HMR07, MALTA
TEL: (356) 21495731, 21491384, 21482435 FAX: (356) 21487060 INFO@GUILLAUMIER.COM

WWW.GUILLAUMIER.COM



Ex Insp. D.Bugeja I.P.A. National Treasurer

*Dear IPA Colleagues*

On behalf of the Executive Committee I would like to take this opportunity to thank Il-Pulizija Editorial Board for allotting IPA two pages for this issue, thus giving us additional space to give out more information from the IPA world. I would like also to extend our congratulations for the way the publication is being produced and presented and also for the punctuality. When comparing Il-Pulizija with other good Police / IPA publications we receive from different sections world-wide, this magazine is of the same level and standard and we are proud to send it out to our friends around the globe. Proset and keep it up.

As we have declared at the being of the year, one of our main objectives for this year is to increase the membership within our Association, mainly by making new police officers know what IPA is all about and then inviting them to join in. To this regard every single member can help by making it a personal objective to encourage one fellow colleague to know more about our Association, then it is up to them to decide whether to affiliate or not. It pays to be a member of our Association.

**Cordial visit to the Prime Minister:** As part of the 40th Anniversary activities, on the 22nd June 04 the Executive committee led by the Secretary General Romeo Micallef (in the absence of the President who was indisposed) met the Hon. Prime Minister Dr. Lawrence Gonzi at Castille Place Valletta. After introducing the members, Romeo presented the Hon. Prime Minister with the anniversary token, similar to the one presented to His Excellency The President of Malta Dr. Edward Fenech Adami. For the Executive Committee this was the first official meeting with Dr. Lawrence Gonzi since he became Prime Minister on the 23rd March, this year.

**IPA items/ souvenirs:** May we remind you that at the IPA office we have a number of IPA items for sale such as IPA blazer badges at Lm2, Lapel badges Lm1-25c, Car number plate holders Lm2, IPA mugs Lm2-25c and the 40th Ann. Souvenir at Lm2-25c, a very ideal item to give away as a token to anyone.






**2005 Membership stamps:** We would like to inform you that we have received the 2005 membership stamps, which can be collected from the IPA office. Unfortunately we have still a small number of members who one or two reminders for them is not enough to pay their arrears. Membership can be paid in advance.

**IPA Mediterranean Regional meeting:** Between the 28th and 30th May 2004, an IPA Mediterranean Regional Meeting was held in Lisbon, hosted by Section Portugal. This meeting was attended by Sections, Spain, Slovenia, San Marino, Switzerland, Greece, Cyprus, Israel, Malta and the host section Portugal. In Lisbon Malta was represented by the National Treasurer Dione Bugeja, who provided his own means, to attended for this meeting. During the three nights stay the delegates were hosted at the Portuguese IPA house in Lisbon, which is situated a walking distance (less than 10minutes) from the football stadium Estadui de Luz (Benfica) and the largest shopping mall in Europe, Colombo.

The report about this meeting was published on our e-News 6, which is available from the IPA office, for those who do not receive this informative newsletter through the IT system.

For those members who wish to make



## LARGEST RANGE

CHERRY PICKERS
TOWER LADDERS
TIPPER & DUMP TRUCKS
PANEL VANS
FORK LIFTERS 4X4
HIGH-UPS
SISSOR LIFTS
PICK UP TRUCKS

**SAFETY CERTIFICATE**

GODWIN'S GARAGE
*Commercial Vehicle Rentals & Leasing*

**FLEET OF OVER 400 VEHICLES**

Ranger Co. Ltd. Tal-Ibrag Road,
Tal-Balal (San Gwann), St. Julians STJ03 Malta
Tel: (356) 2137 7007 / 2138 2173 • Fax: 2137 8397
Mob: 9949 2584 / 7947 8990 • www.godwsinsgarage.com
Email: godwin@godwinsgarage.com or lee@godwinsgarage.com

THREE BARRELS LTD.

*Liquers, wines and spirits*

*Three Barrels Ltd*
12/13 Castro Street, Naxxar
Tel: 21 410817 / 21 442943
Fax: 21 431657

**E-mail: info@threebarrels.com**
**Website: www.threebarrels.com**

La Dolce Vita









La Dolce Vita Restaurant specialises in daily fresh fish and shellfish plus a variety of pasta, poultry and meat dishes. The restaurant is open 7 nights a week, 6 p.m. onwards and caters for à la carte, groups and parties, providing excellent food and service on two large terraces overlooking the beautiful Spinola Bay. Personal attention is given by the owners – Patrick Attard Baldacchino & chef Michael Micallef.

159 St George's Road, St Julian's
Tel: 2135 7806, 2135 7036



use of the Portuguese IPA house in Lisbon, we would like to inform you that as stated above, this house is relatively new and each room has the necessary commodities expected in such a house. The location is situated at the periphery of the city, however the centre can easily be reached by using bus No.46 or the metro (Blue line), a route of about 15 minutes for a cost of 1.1euro. The cost of the room needs to be checked on request.

**Offer of house exchange:** An IPA Italian member would like to exchange his house with other IPA members anywhere in Europe. Mr Carlo Cozzolino is a member of the Pompei Branch and lives 4kms from the sea. He is the owner of a villa situated at Casalvelino (Salerno), on the mythical coasts of the Cilento, from where a landscape rich in suggestions can be admired among enchanting jagged coasts and with an incredibly blue sea, rich of millennial history. The lodging, composed of a mansard, rises on a pleasant villa of three floors and is endowed with independent entry and car parking. It has a surface of around 110 sqm. and it is composed of 2 bedrooms, kitchen-dinette, bathroom with shower, dining-room, closet and panoramic balcony with sight on the sea. The house is completely furnished and the kitchen is fully equipped.

The aforesaid Member would like to exchange his lodging free of charge and under the same conditions with I.P.A. members of all Europe in whatever period of the year (excluding July and August). Mr. Carlo COZZOLINO: Via Pasquale Vitiello n° 75, 84018 SCAFATI (Salerno) tel: 0039 81 8502817, Mobile: 0039 347 5037736

**Community Work:** After the first successful experience we had with 'Community Work' held during the 40th Anniversary week, we have been approached by a number of members to re perform this gesture towards society. Suggestion were also made regarding the 'day' when to perform such work, several indicating that a 'Saturday' should be more ideal as more members will be in a position to attend. The committee is planning something for late October beginning of November. We will be pleased to hear your comments and suggestions where we can perform such work.

**Literary and art competitions – Italy:** The Tuscany East Region of Italy is organising the following competitions: **1° International Contest Of Poetry: 1° International Contest Of Short Stories:** and **1° International Contest Of Humorous Sketches,** on the Job Of the Police In the World. IPA members and their relatives are invited to submit entries to these competitions by the 30th September 2005. More information and entry criteria can be obtained from the IPA office. The International Cultural Committee is pleased to support this initiative by IPA Italy.

Request: Vanni Alain, a police inspector from Belgium is a collector of 'European Cup Football games, used entrance tickets. He is requesting to help him by providing him with entrance tickets which were used for the football matches, Sliema vs Kaunas and also for the matches played by Birkirkara and Marsaxlokk. Vanni is willing to exchange tickets with anyone who has a similar collection. *Contact e-mail address avannil@yahoo.com*

**Violence in the Family:** We are pleased to inform you that after the survey held about two years ago among member Sections, the International Professional Commission has completed its research on the subject and a copy of the report was sent to us for distribution among interested members. Those wishing to see this elaborated report can do so by calling at the IPA office. Our congratulation go to our friend Fritz Swchwindt, IPC Chairman and his commission.

**IPA e-News:** We would like to remind our members that at the end of every month an 'IPA e-News' is sent to all members who have registered with us their respective e-mail address. Give us your e-mail address if you are connected through the IT system. For those who cannot benefit from this facility, they can always collect their copy of e-News from the IPA office.

Happy 40th Anniversary.





# Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

ex Spettur A. Debattista



Ir-ritratt juri l-parteċipazjoni qawwija li jkollna kull meta norganizzaw xi attivita'. Dan il-grupp ta' 'l fuq minn 100 membru u familjari tagħhom ħadu sehem fil-ħarġa ta' ġurnata li saret f'Għawdex, nhar is-Sibt 29 ta' Mejju, 2004.

## Police Social Club




Għalkemm sakemm qiegħed nikteb, il-Police Social Club kien għadu mhux qiegħed jiffunzjona kif verament nixtiequ - b'attivitajiet regolari u użu tal-Bar - l-Għaqdiet varji tal-Korp qegħdin jagħmlu l-laqgħat regolari tagħhom f'dan il-post.

Fost dawn hemm l-Għaqda tagħna tal-Pensjonanti, ferm attiva, li tagħmel użu regolari għal-laqgħat tal-Kunsill u l-Laqgħat Ġenerali Anwali.



## Żjajar lil sħabna morda

Fis-17 u l-20 ta' Lulju, 2004, uffiċjali ta' l-Għaqda għamlu aktar żjarat lil ex sħabna li jinsabu rikoverati fid-djar tagħhom jew f'xi Dar ta' l-Anzjani.



F'Birkirkara żorna lil Joseph Muscat (ex PC 690) li serva fil-Korp għal 27 sena bejn l-1946 u l-1973. Muscat serva fic-CID, tas-Sliema u B'Kara, fejn temm il-karriera.



F'Birkirkara wkoll morna d-dar ta' Joseph Agius (ex PC 625) li serva fil-Korp għal 27 sena bejn l-1946 u l-1973 u kien stazzjonat Ħaż Żebbug, Msida u s-Sezzjoni tat-Traffiku.



B.B.Q. organizzat mill-Għaqda penzjonanti

Finalment morna nżuru lis-Sur Henry Agius (ex Supretendent) li matul il-karriera tiegħu fil-Korp serva l-Belt Valletta, tas-Sliema u fis-Sezzjoni tat-Traffiku. Is-Sur Agius, li llum jgħodd 92 sena, fejn jinsab rikoverat il-Capua Residential Home, tas-Sliema.

Dawn iż-żjarat, li huma ferm għal qalb il-Kunsill ta' l-Għaqda, iħallu effett tassew pożittiv fuq dawn l-ex sħabna li jħossuhom li ma ntessewx wara s-servizz twil u dedikat li jkunu taw fil-Korp tal-Pulizija.

# Il-190 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp



Bħal kull sena, din id-darba wkoll l-Għaqda tagħna ħadet sehem attiv fl-attivitajiet li saru biex jiġi mfakkar il-190 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp.

Nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju, 2004, uffiċjali tal-Kunsill u Membri ta' l-Għaqda attendew għall-quddiesa li saret fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, li kienet segwita miċ-ċerimonja tat-tberik ta' l-oqbra fejn hemm midfuna tant ex-kollegi tagħna.



Nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju, 2004, konna mistiedna man-nisa tagħna mill-Kummissarju tal-Pulizija għal riċeviment li sar fl-Akkademja tal-Pulizija, Forti Sant'Iermu.

Nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju, 2004, Jum il-Pulizija, attendejna għall-quddiesa Pontifikali li saret fil-Kappella tal-Kwartieri Ġenerali tal-Korp, il-Furjana.

Wara, numru ta' membri mill-Għaqda, immexxija mill-Uffiċjali tal-Kunsill, ħadu sehem fid-defile' memorabbli ma' għadd ta' kontinġenti u sezzjonijiet diversi tal-Korp.

Kif taraw, l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti tieħu sehem attiv mhux biss f'dak li hija stess torganizza iżda f'kull attivita' oħra tal-Korp li għalihom tkun mistiedna.

## AVVIZ

Filwaqt li nfakkru lil dawk il-membri li għadhom ma ġeddewx is-sħubija tagħhom biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. Niġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jħallsu permezz ta' cheque fejn dan ikun pagabli lil GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI u lil ħadd iżjed biex b'hekk jiġu evitati problemi żejda lil kaxxier meta dan jiġi biex isarafhom.

## Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

*Il-Kunsill il-ġdid ta' l-Għaqda għas-snin 2004 - 2006 huwa kompost kif ġej:-*

**President Onorarju 'Ad Vitam**
Is-sur Carmelo Bugeja
**President Onorarju**
Is-sur John Rizzo - Kummissarju
**President**
Is-sur Joe M Azzopardi

**Segretarju Generali**
Is-sur Louis Muscat

**Vici-President**
Chev. Vincent Zahra

**Tezorier**
Is-sur Louis Vella

**Assistant Segretarju u PRO**
Is-sur Alfred Debattista

**Assistant Tezorier**
Is-sur Joe Calleja

**Membri**
Is-sur John B Azzopardi
Is-sur George Bristow
Is-sur Joe Caruana
Is-sur Publius Caruana
Is-sur Joe Galea
Is-sur Alfred Lia
**Konsulent Legali:** Dr Angelo Farrugia LL.D. M.P.
**Awdituri:** Is-sur Liberato Pace u s-sur Hughie Camilleri



Ex P.S. 430
John Fiteni
1935 - 1964



Ex P.C. 750
Christinu Gauci
1953 - 1978

# Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem



Ex P.C. 779
Anthony Farrugia
1955 - 1980



Ex. P.C. 226
Paul Xerri
1949-1978



Ex P.C. 256
Emmanuel Micallef
1939 - 1965




Bring the quality and speed of digital laser copying technology into your office – at a price that can't be beaten by even the analogue competitors! With its advanced digital features, high paper capacity and long-life components, the KM-1620 is a cost-effective desktop copier that is powerful enough to serve your entire workgroup. The optional duplex document processor and duplex engine make the KM-1620 the most versatile A3 copier in its class. Discover the power of digital copying at an analogue price - technology with the KM-1620.

**KM-1620** • 16 copies per minute in A4 • 8 copies per minute in A3 • 32 MB RAM supports full digital functionality • Warm up in 20 seconds • First copy in 5.9 seconds • Paper capacity of up to 1,250 sheets • Duplex copying (optional) • Duplex document processor for up to 50 sheets (optional) • Long-life components • Lowest cost of ownership in its class

ECOSYS®

KYOCERA

**STRAND ELECTRONICS LTD.** Multi-Tech Centre,
Regional Road (off Valley Road), Msida MSD 03, Malta.
Telephone (+356) 21483819 Fax (+356) 21 483820.
E-Mail: sales@strandelectronics.com - www.strandelectronics.com

# Your Transport Partner from Ship to Shore and *Beyond...*



## Port Agency
- Bunker Brokers
- Crew Charges
- STS Operations

## Liner Services

## Freight Forwarding
- Sea Freight
- Air Freight

## Logistics Management

## Project Cargo
- Oversized Cargo
- Vessel & Aircraft Chartering
- Construction site cargo

## Surface Transport
- International Trailer operators
- Domestic transport and general haulage

## Documentation
- Customs Clearance
- Certificates of Origin and Translation

## Cargo Insurance

## Warehousing & Distribution

Head Office

8, Transport House
Filippo Sciberras Square
Floriana. VLT 15, Malta
Tel: (+356) 21 233810
Fax: (+356) 21 243189
Email: warehouse@ccship.com

**Carmelo Caruana**
*Company Limited.*